# IL-QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

***Onor. Imħallef Dr. Aaron M. Buġeja M.A. (Law), LL.D. (melit)***

---

**Illum it-3 ta' Marzu 2020**

Appell numru 227 tal-2019

**Il-Pulizija**
**vs**
**Marius CAMILLERI**

Il-Qorti:

1. Dan huwa appell minn sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) nhar il-11 ta' Lulju 2019 fil-konfront ta' Marius CAMILLERI, karta tal-identità bin-numru 758060M fejn ġie mixli talli:

   Nhar it-30 ta' Novembru 2017 għall-ħabta ta' 12:45p.m. u fil-jiem, ġimgħat, xhur u snin ta' qabel ġewwa Triq Manuel Dimech, Qormi u bnadi oħra f'dawn il-Gżejjer, b'diversi atti, li jiksru l-istess disposizzjoni tal-liġi, magħmulin minnu ukoll jekk fi żminijiet differenti u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda kif dedott fl-Artiklu 18 tal-Liġijiet ta' Malta:

1. Talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi sabiex jikseb xi vantaġġ jew benefiċċju għalih innifsu jew għal ħaddieħor, f'xi dokument maħsub għal xi awtorità pubblika li tikkonsisti f'liċenzja ta' ċirkolazzjoni vettura bil-mutur tal-għamla Astra bin-numru tar-reġistrazzjoni ABQ 567, xjentement għamel dikjarazzjoni falza, jew ta tagħrif falz billi esebixxa liċenzja ta' ċirkolazzjoni ta' vettura bil-mutur tal-għamla KYMCO Agility 125 bin-numru ta' reġistrazzjoni CCE 474 u dan bi ksur tal-Artikolu 188 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi saq vettura bil-mutur tal-għamla Astra bin-numru ta' reġistrazzjoni ABQ 567 b'nuqqas ta' kont, bi traskuraġni, jew b'mod perikoluż, u dan ai terminu tal-artikolu 15 (1) (a) tal-Kapitolu 65 tal-liġijiet ta' Malta.

3. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi saq vettura bil-mutur tal-għamla KYMCO Agility 125 bin-numru ta' reġistrazzjoni CCE 474 mingħajr liċenzja tas-sewqan, u dan ai terminu tal-artikolu 15 (1) (a) tal-Kapitolu 65 tal-liġijiet ta' Malta.

4. U aktar talli fl-istess lok, ħin u ċirkostanzi saq vettura ta' għamla Astra bin-numru ta' reġistrazzjoni ABQ 567 mingħajr ma kienet liċenzjata kurrenti mill-Awtorità tat-Trasport ta' Malta u dan bi ksur tal-Artikolu 15(1) tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta.

5. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi uża vettura bil-mutur tal-għamla KYMCO Agility 12 bin-numru ta' reġistrazzjoni CCE 474 fit-toroq meta għall-użu tal-vettura minnu, ma kienx hemm fis-seħħ polza ta' assigurazzjoni dwar ir-riskji ta' terzi persuni, bi ksur tal-artikolu 3(1) (a) tal-Kapitolu 104, tal-Liġijiet ta' Malta.

6. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi saq jew ippermetta li titħalla vettura ta' għamla Astra bin-numru tar-reġistrazzjoni ABQ 567 fit-triq, kemm jekk ipparkjata kemm jekk qed tintuża, mingħajr liċenzja għaċ-ċirkolazzjoni valida, jew permess għaċ-ċirkolazzjoni validu jew diska ta' liċenzja temporanja valida, skont ma jkun applikabbli, maħruġa mill-Awtorità sakemm il-vettura bil-mutur ma tkunx eżenti taħt id-disposizzjonijiet tal-Att, u dan bi ksur ta' regolament 13(2) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 368.02 tal-Liġijiet ta' Malta.

7. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi saq vettura ta' għamla Astra bin-numru tar-reġistrazzjoni ABQ 567 u eċċeda l-limitu ta'

veloċità, dan bi ksur tal-Artikolu 127 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 65.11 tal-Liġijiet ta' Malta.

8. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi għal xi raġuni xi waħda mill-partikolaritajiet jew xi tagħrif ieħor li jkun jinsab f'dokument tal-identità ċioè indirizz tar-residenza ma jkunx jew ma jibqax aktar korrett, naqas li jagħti dak it-tagħrif kollu li jkun meħtieġ u dan bi ksur ta' Artikolu 19 (1) ta' Kapitolu 258 tal-Liġijiet ta' Malta.

9. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi wara li kien avżat kemm bil-fomm jew b'avviż miktub mill-pulizija sabiex jattendi f'għassa tal-pulizija, naqas jattendi f'għassa sabiex jagħti dak it-tagħrif u/jew iġib miegħu dawn id-dokumenti li l-Pulizija kienu jinħtieġu fuq xi investigazzjoni u dan bi ksur ta' Artikolu 355AD (3), (4) u (5) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

10. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi b'nuqqas ta' ħsieb jew bi traskuraġni jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni tiegħu, jew b'nuqqas ta' tħaris ta' regolamenti, ikkaġuna ħruq jew għamel ħsara jew għarraq xi ħaġa għad-dannu ta' Alan Brincat Memmery u dan bi ksur ta' Artikolu 328 (d) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

11. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi fi triq pubblika, wara li kien f'inċident tat-traffiku, naqas li bħala sewwieq jieqaf u meta hekk kien mitlub minn xi uffiċjal tal-pulizija, gwardjan lokali jew minn xi persuna oħra li jkollha raġun biżżejjed li titlob li jsir hekk, jagħti isem u l-indirizz tiegħu, kif ukoll isem u l-indirizz ta' sid il-vettura u d-dettalji tal-assiguratur tal-vettura kif ukoll il-marka u/jew in-numru ta' reġistrazzjoni tal-vettura u dan bi ksur ta' regolamenti 67(1) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 65.11 tal-Liġijiet ta' Malta;

12. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi fi triq pubblika kiser volontarjament il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku, u dan bi ksur tal-artikolu 338 (dd) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

13. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi kkommetta reat waqt li kien taħt ordni operattiv ta' sentenza mogħtija mill-Qorti ta' Malta, preseduta mill-Maġistrat Dr J Demicoli nhar it-18 ta' Mejju 2015 liema sentenza saret definittiva u ma tistax tiġi mibdula.

14. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi kkommetta reat punibbli bi priġunerija waqt perjodi operattivi ta' sentenzi sospiżi ta' priġunerija, liema sentenzi ngħataw mill-Maġistrati Dr C Galea LLD nhar it-3 ta' Marzu 2016, liema sentenza saret definittiva u mill-Maġistrat Dr I. Farruġia LLD nhar il-31 ta' Mejju 2016 u li saru definittivi u ma jistgħux jiġu mibdula.

15. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi sar reċidiv wara li ġie kkundannat għal reat b' diversi sentenzi mogħtija mill-Qorti ta' Malta, diversament ippreseduti liema sentenzi saru definittivi u ma jistgħux jiġu mibdula u dan ai termini tal-artikolu 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti ġiet mitluba li f'każ ta' ħtija taħt it-tieni akkuża tapplika l-provvedimenti indikati f'Artikolu 15 (2) tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta u dana in vista tan-numru ta' sentenzi definittivi li ma jistgħux jiġu mibdula.

Il-Qorti ġiet mitluba li f'każ ta' ħtija barra milli tapplika l-piena skont il-liġi, tiskwalifika lill-ħati milli jkollu jew milli jikseb liċenzja ta' sewqan għal żmien li l-Qorti jidhrilha xieraq u dan skont l-artikolu 15 (3) tal-Kap 65 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. Permezz tas-sentenza aktar 'il fuq imsemmija, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, wara li rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-appellant, stqarret is-segwenti:

Rat id-dokumenti esebiti durante s-smigħ tal-każ.
Rat it-traskrizzjonijiet tax-xhieda kollha miġbura f' dan il-każ.
Rat il-verbal tal-11 ta' Ottubru 2018 fejn il-prosekuzzjoni kif ukoll l-imputat hekk kif assisti iddikjaraw li qed jeżentaw lil din il-Qorti milli terġa' tisma' x-xhieda prodotta u kif ukoll qablu li din il-kawża tista' tibqa' għas-sentenza bil-fakolta' li ssir trattazzjoni finali.
Rat l-atti kollha ta' dan il-każ.

**Ikkunsidrat**
Din il-Qorti sejra tqies kull imputazzjoni mressqa kontra l-akkużat sabiex tevalwa jekk din irriżultatx pruvata ommeno.

<u>**L-ewwel imputazzjoni**</u>

Permezz ta' l-ewwel imputazzjoni, l-imputat ġie akkużat illi fit-30 ta' Novembru 2017 għal ħabta ta' 12:45 pm u fil-jiem, ġimgħat, xhur u snin ta' qabel ġewwa triq Manuel Dimech u bnadi oħra f' dawn il-gżejjer, sabiex jikseb xi vantaġġ jew benefiċċju għalih innifsu jew għal ħaddieħor, f' xi dokument maħsub għal xi awtorita' pubblika li tikkonsisti fil-liċenzja ta' ċirkolazzjoni vettura bil-mutur tal-għamla Astra bin-numru reġistrazzjoni ABQ 567, xjentement għamel dikjarazzjoni falza jew ta tagħrif falz billi esebixxa liċenzja ta' ċirkolazzjoni ta' vettura bil-mutur tal-għamla KYMCO Agility 125 bin-numru ta' reġistrazzjoni CCE474 u dan bi ksur ta' l-artikolu 188 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

L-artikolu 188 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta jaqra:

*188.(1) Kull min, sabiex jikseb xi vantaġġ jew benefiċċju għalih innifsu jew għal ħaddieħor, f'xi dokument maħsub għal xi awtorità pubblika, xjentement jagħmel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew jagħti tagħrif falz, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta'priġunerija għal żmien ta' mhux iżjed minn sentejn jew multa:*
*Iżda ebda ħaġa f'dan l-artikolu ma tolqot l-applikabbiltà ta' xi liġi oħra li tipprovdi għal piena ogħla.*
*(2) Meta d-dokument imsemmi fis-subartikolu (1) ma jkunx wieħed intiż għal xi awtorità pubblika, il-piena għandha tkun dikta' priġunerija li ma tkunx iżjed minn sena jew multa.*

Din il-Qorti hekk kif diversament ippreseduta fis-sentenza tagħha tat-13 ta' Ottubru, 2005 (Numru 274/2003) fl-ismijiet **Il-Pulizija (Supt. A. Mamo) Vs John Vella** indikat l-elementi rikjesti ai termini tal-artikolu 188 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta:

*"L-ewwel huwa dak li nsibu fl-artikolu 188 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.*
*L-elementi ta' dan ir-reat huma:-*
*- li persuna biex tikseb xi vantaġġ jew benefiċċju għaliha nnifisha jew ħaddieħor*
*- bl-użu ta' dokument maħsub għal xi awtorita pubblika.*
*- xjentament tagħmel (f'dan id-dokument) dikjarazzjoni jew stqarrija falza."*

Dan l-artikolu jikkontempla falsita ideoloġika li ġiet spjegata mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Paul Galea** fis-17 ta' Settembru 1997 meta din iddistingwiet bejn il-falz materjali u l-falz ideoloġiku f'każ fejn l-imputat waħħal *number plates* li kienu jappartjenu vettura partikolari ma' vettura oħra. L-istess prinċipju issib applikazzjoni għall-każ in diżamina in kwantu l-imputat waħħal ma' vettura *road licence* li kienet tappartjeni lil vettura oħra:

*"Id-differenza bejn il-falz materjali u l-falz ideoloġiku hi spjegata mill-awturi b'dan il-mod: filwaqt li fil-każ tal-falz materjali d-dokument jiġi ffalsifikat fl-essenza materjali tiegħu, fil-falz ideoloġiku d-dokument ikun iffalsifikat biss fis-sustanza u ċioe` fil-kontenut ideali tiegħu (Antolisei, F., Manuale di Diritto Penale – Parte Speciale II (Giuffre`, Milano, 1986), p. 604). Fi kliem Manzini*

*(Trattato, v. VI, n. 2296, p. 829) ikun hemm falsita` materjali meta d-dokument ikun wieħed mhux ġenwin (jiġifieri jew meta l-awtur apparenti ma jkunx l-awtur reali tad-dokument jew meta ddokument ikun issubixxa alterazzjonijiet wara l-formazzjoni definittiva tiegħu), mentri fil-falz ideoloġiku, għalkemm id-dokument ikun ġenwin "non e` veridico, perche` colui che lo ha formato gli fa dire cose contrarie al vero".*

*Għall-finijiet tad-dottrina in tema ta' falsita` ikun hemm dokument kull fejn hemm kitba, attribwibbli għal persuna identifikabbli, liema kitba tkun tikkontjeni esposizzjoni ta' fatti jew dikjarazzjoni ta' volonta` (Antolisei, F., op. cit., p. 594). S'intendi, b'kitba wieħed ma jifhimx biss is-sinjali alfabetiċi, iżda tinkludi dawk numeriċi, stenografiċi u anke kriptografiċi, basta li dik ilkitba tesprimi ħsieb li jkun jiftiehem minn kulħadd jew minn ċertu numru ta' nies. Il-kitba f'dan is-sens tista' ssir kemm bl-id kif ukoll b'mezzi mekkaniċi, b'mezz indelibbli jew li jista' jitħassar u fuq kwalsiasi mezz li jista jieħu, imqar temporaneament, il-messaġġ – karta, parċmina, injam, ġebel, ħadid, 6nciden, etc."*

Fil-każ odjern, irriżulta li mal-*windscreen* tal-vettura Astra bin-numru ta' reġistrazzjoni ABQ 567 kien hemm imwaħħla liċenzja ta' vettura oħra u ċioe' dik tal-vettura tal-għamla Kymco bin-numru ta' reġistrazzjoni CCE 474.

Mix-xhieda mogħtija minn Julian Borg Warden G 488, irriżulta li l-liċenzja ma kinitx taqbel man-*number plate*. Jirriżulta għalhekk li din l-ewwel imputazzjoni ġiet ippruvata stante li l-istess imputat kien xjentament waħħal liċenzja ta' vettura oħra fuq il-vettura bin-numru ABQ 567 bil-konsegwenza li għamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza ma' awtorita' pubblika biex b' hekk jikseb xi vantaġġ jew benefiċċju għalih nnifisu bl-użu ta' tali dokument maħsub għal xi awtorità pubblika.

Mill-atti proċesswali din l-imputazzjoni tirriżulta ppruvata sal-grad rikjest mill-liġi.

**<u>It-tieni imputazzjoni</u>**

Din l-imputazzjoni tirrigwarda allegat sewqan ta' vettura b' nuqqas ta' kont, bi traskuraġni jew b' mod perikoluż.

L-artikolu 15(1) (a) tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta jaqra:

*15.(1) Kull min –*
*(a) isuq vettura bil-mutur jew vettura oħra mingħajr liċenzja tas-sewqan jewvettura bil-mutur jew vettura oħra li ma jkollhiex liċenza, jew isuqha b'nuqqas ta'kont, bi traskuraġni, jew b'mod perikoluż, iżda matkun meħtieġa ebda liċenza dwar bicycle; jew*

*(b) iġiegħel, iħalli jew jippermetti li l-vettura bil-muturjew vettura oħra tiegħu tinsaq minn persuna li ma jkollhiex il-liċenza meħtieġa biex issuq vettura bil-muturjew vettura oħra,*
*ikun ħati ta' reat u jeħel, meta jinsab hekk ħati, il-piena tal-multa ta' mhux iżjed minn elf u mitejn euro (€1,200) jew tal-priġunerija ta' mhux iżjed minn sena*

Il-Prosekuzzjoni sostniet li din l-imputazzjoni ġiet ippruvata permezz ta' diversi filmati, ritratti u xhieda li kienu analizzati mill-espert Dottor Mario Buttiġieġ.

Madanakollu, fis-smigħ ta' din il-kawża, il-persuni li ġibdu dawn il-filmati u ritratti ma tressqux biex jixhdu u jikkonfermaw dawn il-filmati u/jew ritratti. Għalhekk, l-istess filmati u ritratti ma jistgħux jiġu meqjusa bħala l-aħjar prova li setgħet inġabet mill-prosekuzzjoni.

Irriżulta wkoll li fit-tlett filmati prodotti, f'okkażjoni waħda biss jidher in-numru ta' reġistrazzjoni ABQ 567 u dana meta l-vettura kienet għaddejja f' San Ġwann. Fiż-żewġ filmati l-oħra, ma tressqitx prova tan-numru ta' reġistrazzjoni tal-vettura li tidher fil-filmat. Huwa minnu li ġie maħtur espert sabiex jikkonkludi jekk dan it-trakk li jidher f' dawn iż-żewġ filmati huwiex l-istess 7ncid. Dan l-espert kien eżamina 3 trakkijiet oħra ta' din l-għamla u sostna li dawn ma kinux it-trakk li jidher fil-filmati. Madanakollu, id-difiża ressqet provi li kien hemm ammont akbar ta' trakkijiet oħra ta' din l-għamla u marka li jiġu utilizzati fit-toroq Maltin u dan tramite x-xhieda mogħtija minn Saviour Attard. Għalhekk, fir-rigward tal-filmati li ma jindikawx in-numru ta' reġistrazzjoni tal-vettura, ma ġiex ippruvat lil hinn minn kull dubbju raġjonevoli li effettivament il-vettura li tidher f' dawn il-filmati kienet proprju t-trakk in kwistjoni bin-numru ta' reġistrazzjoni ABQ 567.

Dwar il-filmat li fih jidher in-numru ta' reġistrazzjoni ABQ 567, jidher ben evidenti li dan it-trakk kien qed jinsaq b' mod traskurat, bla kont u perikoluż b' vjolazzjoni ċara u evidenti tar-regolamenti tat-traffiku. Madanakollu, ma tressqitx prova dwar meta inġibed dan il-filmat. Għalkemm huwa minnu, li l-imputazzjoni ssemmi ġimgħat u xhur u snin ta' qabel, jekk l-akkadut jkun seħħ aktar minn sentejn qabel id-data hemm imniżżla, l-azzjoni kienet tkun preskritta.

Apparti minn dan kollu, fl-istess filmati ma tidhirx l-identita' tas-sewwieq. Provi li fl-okkażżjoni li tirriżulta minn dan il-filmat, it-trakk ABQ 567 kien qed jinsaq mill-imputat ma tressqitx.

In vista ta' dan kollu, din il-Qorti tqies li t-tieni imputazzjoni hekk kif dedotta ma ġietx ippruvata.

**<u>It-Tielet Imputazzjoni</u>**

It-tielet imputazzjoni tirrigwarda akkuża li nstaqet vettura bil-mutur tal-għamla KYMCO Agility 125 bin-numru reġistrazzjoni CCE 474 mingħajr liċenzja ta' sewqan u dan ai terminu tal-artikolu 15(1)(a) tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta.

Fil-mori ta' din il-kawża, tressqu provi li kien l-imputat li qed isuq il-mutur bin-numru ta' reġistrazzjoni CCE 474. In fatti, fl-affidavits ta' PC 16, PC 779 u PS 362 irriżulta li l-imputat ammetta li huwa kien qed isuq il-mutur in kwistjoni u li kien laqat vettura. Fl-istqarrija rilaxxata mill-imputat, l-istess imputat sostna li huwa jsuq mutur żgħir u li ma għandux liċenzja biex isuq tali mutur għalkemm insista li dan huwa biss mutur żgħir u ilu jsuq ir-rota minn mindu kellu 13-il sena.

Irriżulta li l-imputat ma għandux liċenzja biex isuq mutur (Vide xhieda ta' Karen Camilleri a fol 47 et seq).

Din l-imputazzjoni ġiet ippruvata.

**Ir-raba' imputazzjoni**

L-imputat ġie wkoll akkużat li fl-istess lok, ħin u ċirkostanzi saq vettura ta' għamla Astra bin-numru reġistrazzjoni ABQ 567 mingħajr ma kienet liċenzjata kurrenti mill-Awtorita' tat-Trasport ta' Malta u dan bi ksur tal-Artikolu 15 (1) tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta.

Din l-imputazzjoni ġiet ammessa mill-imputat hekk kif jirriżulta min-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu.

Il-Qorti tqies li mill-provi mressqa, din l-imputazzjoni ġiet ippruvata.

**Il-Ħames Imputazzjoni**

Din l-akkuża tirrigwarda allegat użu ta' vettura bil-mutur tal-għamla KYMCO Agility 125 bin-numru ta' reġistrazzjoni CCE 474 fit-toroq meta għall-użu tal-vettura minnu, ma kienx hemm fis-seħħ polza ta' assigurazzjoni dwar ir-riskji ta' terzi persuni bi ksur ta' l-artikolu 3(1)(a) tal-Kapitolu 104, tal-Liġijiet ta' Malta.

Mill-provi esebiti irriżulta illi r-rappreżentant tas-soċjeta assigurazzjoni in kwistjoni kien ippreżenta bħala Dok MBC1 *proposal form* għall-polza ta' assigurazzjoni ta' dan il-mutur minn Charlotte Camilleri, iżda din ma kinitx iffirmata mill-istess Camilleri. Madanakollu, id-difiża esebiet bħala Dok LC 1 iċ-ċertifikat tal-polza ta' assigurazzjoni dwar il-mutur in kwistjoni liema kienet tkopri l-perijodu bejn id-19 ta' April 2017 u l-31 ta'

Marzu 2018. Għaldaqstant, tressqet prova li l-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni CCE 474 kellha polza ta' assigurazzjoni viġenti.

Din l-imputazzjoni ma tinsabx għalhekk ippruvata.

**Is-sitt imputazzjoni**

Din l-imputazzjoni tirrigwarda allegazzjoni li l-imputat saq jew ippermetta li titħalla vettura ta' għamla Astra bin-numru reġistrazzjoni ABQ 567 fit-triq, kemm jekk ipparkjata kemm jekk qed tintuża, mingħajr liċenzja għaċ-ċirkolazzjoni valida, jew permess għaċ-ċirkolazzjoni validu jew diska ta' liċenzja temporanja valida, skont ma jkun applikabbli, maħruġa mill-Awtorita' sakemm il-vettura bil-mutur ma tkunx eżenti taħt id-disposizzjonijiet tal-Att u dan bi ksur ta' regolament 13(2) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 368.02 tal-Liġijiet ta' Malta.

Din l-imputazzjoni ġiet ammessa mill-imputat fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu.

Il-Qorti tqis li in vista ta' l-ammissjoni u anke tal-provi prodotti, din l-imputazzjoni tinsab ippruvata.

**Is-Seba' imputazzjoni**

L-imputat ġie akkużat li fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi saq vettura ta' għamla Astra bin-numru reġistrazzjoni ABQ 567 u eċċeda l-limitu ta' veloċita' dan bi ksur tal-Artikolu 127 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 65.11 tal-Liġijiet ta' Malta.

Mill-provi esebiti, irriżulta li l-istess imputat a tempo vergine ammetta dan waqt l-istqarrija mogħtija minnu. Anke durante x-xhieda mogħtija fil-mori ta' din il-kawża, huwa xehed bil-ġurament tiegħu li hija ħaġa normali li 9ncid li jiżen 35 tunnellata jinstaq bi' veloċita' ta' madwar 50 kilometru, meta il-limitu ta' veloċita' ta' dan it-trakk ta' dan it-tip huwa ta' 20 kilometru fis-siegħa f' irħula u ta' 30 kilometru fis-siegħa barra l-irħula.

Din l-imputazzjoni tinsab ippruvata.

**It-tmien imputazzjoni**

Ġie akkużat ukoll talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi għal xi raġuni xi waħda mill-partikolaritajiet jew xi tagħrif ieħor li jkun jinsabdokument tal-identita' ċioe' indirizz tar-residenza ma jkunx jew ma jibqax aktar korrett, naqas li jagħti dak it-tagħrif kollu li jkun meħtieġ u dan bi ksur ta' l-Artikolu 19(1) ta' Kapitolu 258 tal-Liġijiet ta' Malta.

Mill-provi prodotti irriżulta li l-imputat ma għadux jgħix fi 32, Tessmar, Triq Nikol Montebello, Qormi iżda qiegħed joqgħod f' 44, Triq Marcel Attard Vaniolo, Qormi. L-imputat stess ammetta durante l-istqarrija rilaxxata illi huwa jista' jkun li jgħix xi mkien ieħor. Fl-ewwel ta' Diċembru 2017, id-difiża vverbaliżżat illi l-imputat jirrisjedi wkoll fl-indirizz 44, Triq Marcel Attard Vianolo, Qormi. L-istess verbal ġie mniżżel fis-seduta tal-15 ta' Jannar 2017. Tressqu wkoll PS 243 u PC 1271 li kkonfermaw li l-imputat ma jabitax f' dak l-indirizz li jirriżulta mill-karta ta' l-identita' ta' l-imputat u li d-dar tidher abbandunata.

Din l-imputazzjoni għalhekk ġiet ippruvata.

**Id-disa' imputazzjoni**

L-imputat ġie akkużat illli ma marx l-għassa meta ġie hekk avżat verbalment jew permezz ta' avviż formali.

Din il-Qorti tqis li mill-provi prodotti, irriżulta li tħallew varji *letters to call* relatati ma' dawn l-imputazzjonijiet fir-residenza 33, Tesmar Triq Nikol Montebello, Qormi.

Id-difiża sostniet li ġialadarba l-imputat ma kienx qed jirrisjedi f' dan l-indirizz, huwa ma kienx avżat formalment biex jattendi l-għassa tal-pulizija. Intqal ukoll li l-imputat meta ġie nfurmat verbalment permezz ta' telefonata, ftiehem appuntament meta kellu jattendi l-għassa.

Il-Qorti tqis li ġialadarba l-imputat irriżulta li ma kienx qed jabita ġewwa 33, Tessmar, Triq Nikol Montebello, Qormi, huwa ma setax jiġi meqjus li ġie avżat sabiex jattendi f' għassa tal-pulizija.

Din l-imputazzjoni għalhekk ma ġietx ippruvata.

**L-għaxar imputazzjoni**

L-imputat ġie akkużat ukoll li fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi b' nuqqas ta' ħsieb jew bi traskuraġni jew b' nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni tiegħu, jew b' nuqqas ta' tħaris ta' regolamenti, ikkaġuna ħruq jew għamel ħsara jew għarraq xi ħaġa għad-dannu ta' Alan Brincat Mummery u dan bi ksur ta' Artikolu 328(d) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Din l-imputazzjoni tirrigwarda l-inċident fejn allegatament ġiet ikkaġunata ħsara lil Alan Brincat Mummery. Mill-provi prodotti irriżulta illi l-vittma ma identifikatx il-persuna li kienet qed issuq il-mutur.

Fl-istqarrija jirriżulta li l-imputat sostna li huwa kien laqat lil vittma bil-minkeb waqt li kien qiegħed isuq dan il-mutur. Mill-affidavits ta' PC 16, PC 779 u PS 362 irriżulta li meta ġie mitkellem, l-imputat ammetta li waqt li kien qed isuq, laqat lil din il-vettura. Waqt ix-xhieda tiegħu, l-imputat innega illi huwa kien qed isuq dan il-mutur.

Il-Qorti tqies li mill-provi prodotti, il-verżjoni mogħtija fil-mori ta' din il-kawża mill-imputat mhijiex waħda veritiera u ma taqbilx mal-verżjonijiet mogħtija mill-istess imputat a tempo vergine.

Din il-Qorti tqies li din l-imputazzjoni tirriżulta ippruvata. Irriżulta wkoll illi l-ħsara kkaġunata fuq il-vettura kienet tammonta għal EUR 259.60c (Vide Dok UP 9) u li dan l-ammont tħallas mill-istess Alan Brincat hekk kif ikkonferma bil-ġurament tiegħu waqt id-depożizzjoni tiegħu.

**<u>Il-ħdax-il imputazzjoni</u>**

L-imputat ġie akkużat li talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi fi triq pubblika, wara li kien 11ncident f' 11ncident ta' traffiku, naqas li bħala sewwieq jieqaf u meta hekk kien mitlub minn xi uffiċjal tal-pulizija, gwardjan lokali jew minn xi persuna oħra li jkollha raġun biżżejjed li titlob li jsir hekk, jagħti isem u l-indirizz tiegħu, kif ukoll isem u l-indirizz ta' sid il-vettura u d-dettalji ta' l-assiguratur tal-vettura kif ukoll il-marka u/jew in-numru ta' reġistrazzjoni tal-vettura u dan bi ksur ta' regolamenti 67(1) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 65.11 tal-Liġijiet ta' Malta.

Ġialdarba, din l-akkuża hija relatata ma' l-inċident li fih Alan Brincat Mummery ġarrab dannu, din il-Qorti sejra ssib li din l-imputazzjoni ġiet ippruvata stante li rriżulta li dan baqa' sejjer minkejja li kien laqat vettura.

**<u>It-tnax-il imputazzjoni</u>**

L-imputat ġie akkużat ukoll li talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi fi triq pubblika kiser volontarjament il-bon-ordni jew il-kwiet tal-pubbliku, u dan bi ksur ta' l-artikolu 338 (dd) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Minn evalwazzjoni tal-provi, irriżulta illi din l-akkuża ġiet ippruvata u dana peress li rriżulta li l-imputat ġie deskritt li għolla leħnu u anke beda jitkellem ħażin ma' wieħed mill-wardens preżenti. Dan jirriżulta mix-xhieda ta' PS 243 u mix-xhieda ta' warden G 774.

**<u>It-tlettax; l-erbatax u ħmistax-il imputazzjoni</u>**

L-imputat ġie akkużat ukoll li talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi kkommetta reat waqt li kien taħt ordni operattiv ta' sentenza mogħtija

mill-Qorti ta' Malta, preseduta mill-Maġistrat Dr J Demicoli nhar it-18 ta' Mejju 2015 liema sentenza saret definittiva u ma tistax tiġi mibdula.

L-imputat ġie akkużat talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi kkommetta reat punibbli bi priġunerija waqt perjodi operattivi ta' sentenzi sospiżi ta' priġunerija, liema sentenzi ngħataw mill-Maġistrati Dr C Galea LLD nhar it-3 ta' Marzu 2016, liema sentenza saret definittiva u mill-Maġistrat Dr I. Farruġia LLD nhar il-31 ta' Mejju 2016 u li saru definittivi u ma jistgħux jiġu mibdula.

L-imputat ġie akkużat talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi sar reċidiv wara li ġie kkundannat għal reat b' diversi sentenzi mogħtija mill-Qorti ta' Malta, diversament ippreseduti liema sentenzi saru definittivi u ma jistgħux jiġu mibdula u dan ai termini ta' l-artikolu 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Irriżulta li dawn it-tlett imputazzjonijiet identiċi kienu mertu ta' proċeduri oħra li ttieħdu fil-konfront ta' l-imputat liema proċeduri ġew deċiżi minn din il-Qorti hekk kif diversament ippreseduta fid-9 April 2018 u mill-Qorti ta' l-Appell fis-6 ta' Novembru 2018.

Id-difiża ssottomettiet li dawn għalhekk jikkostitwixxu *res judicata.*

Il-Qorti tagħmel referenza għall-Artikolu 527 tal-Kodiċi Kriminali li jippreskrivi illi: *"Wara sentenza li f'kawża tillibera imputat jew akkużat, dan ma jistax għall-istess fatt ikun suġġett għal kawża oħra."*

L-Artikolu 39(9) tal-Kostituzzjoni jippreskrivi illi

*"Ebda persuna li turi li tkun għaddiet proċeduri quddiem xi qorti kompetenti għal reat kriminali u jew tkun ġiet misjuba ħatja jew 12ncident ma għandha terġa' tgħaddi proċeduri għal dak ir-reat jew għal xi reat kriminali ieħor li għalih setgħat tiġi misjuba ħatja fil-proċeduri għal dak ir-reat ħlief wara ordni ta' qorti superjuri mogħti matul ilkors ta' appell jew proċeduri ta' reviżjoni dwar id-dikjarazzjoni ta' ħtija jew liberazzjoni;… …"*

Fis-sentenza Il-**Pulizija v. Mahmud Abudumehdn Tarek** deċiża fis-26 ta' Lulju 2002, il-Qorti tal-Appell Kriminali (sede Inferjuri) irriteniet hekk:

*"Kif inhu risaput, ir-regola tan-ne bis in idem kif 12ncident f'dana l-artikolu (l-Artikolu 527 tal-Kodiċi Kriminali) hija aktar wiesgħa minn kif 12ncident12 fl-Artikolu 39(9) tal-Kostituzzjoni. Filwaqt li l-Artikolu 39(9) tal-Kostituzzjoni jitkellem dwar "reat kriminali" u japplika d-dottrina tan-ne bis in idem għal dak ir-"reat kriminali" partikolari li tiegħu dak li jkun ikun ġie misjub ħati jew illiberat u għal "reati kriminali" oħra kompriżi u involuti f'dak ir-reat kriminali partikolari, l-Artikolu 527 jitkellem dwar "l-istess fatt".*

Il-Prof. Anthony Mamo, fin-noti tiegħu dwar il-proċedura kriminali jgħid hekk (Notes on Criminal Procedure pag. 43 et seq):

*"The rule is plain: but considerable difficulties may arise in its application. What is particularly essential is to have a notion of what the law means by the same fact. In "Rex vs. Agata Mifsud et" (15/5/18) Law Reports Vol.XXIII-I-1077, H.M.s Criminal Court said: "Per giudicare se si tratti di fattiidentici o diversi, bisogna esaminare se il corpo del delitto rimanga lo stesso, pur cambiandosene la qualificazione, o in altri termini, se la materialita del fatto rimane inalterata malgrado la diversa qualificazione legale che gli venga attribuita." In other words, if the fact on which the subsequent charge is made is the same as that in respect of which the previous judgement was given, the plea lies notwithstanding that the subsequent charge is an offence different from that charge in the previous trial. In the case abovequoted, the previous charge against the defendants had been of adultery and they had been found guilty but exempted from punishment on account of tacit remission on the part of the complainant.*

*Relying on the same facts the prosecution charged them again with defilement of minors. The Court admitted the plea of "res judicata" because the fact was substantially the same even though certain circumstances not mentioned in the previous indictment were included in the subsequent indictment. … …"*

Il-Prof. Mamo ikompli jispjega illi:

*"It may happen that one and the same fact may give rise at the same time to violations of several provisions of the law so as to create several grounds of incrimination. By "fact" it was explained in "Rex v. Rosaria Protellli" (C.C. 23/2/1904 – Law Reports, Vol. XIX, p. IV, p.1) – "La legge intende il fatto principale in quanto meritevole di pena, o come altri si espresso non intende il fatto semplicemente storico o naturale nei suoi diversi momenti ma il fatto giuridico nel suo complesso." In any such case if the agent is tried for any one of the several violations of law arising out of that fact, be it even the least serious, and a judgement is given, it shall not be lawful to subject the agent to another trial for the more serious violations. This principle, first expressly affirmed in "Rex v. Portelli" above-quoted, has since become settled law. ……*
*But it must be strongly emphasized that for the plea to succeed the fresh proceedings must be based on the very same fact. (Cr. App. "Pol. Vs. Piscopo" 21/3/1953). The merecircumstance that an act is done more or less at the same time (nello stesso 13nciden) as another act does not necessarily mean that they constitute one and the same fact, if the two are materially distinguishable as separate events (v. Cr. App. "Pol. Vs. Saliba 28/02/1953 and "Pol. Vs. Cassar" 9/1/1954; cfr. Also Cr. App. "Police vs. Attard" 17/06/1950.) … …"*

Fis-sentenza **Il-Pulizija v. Salvatore Saliba** deċiża fit-28 ta' Frar 1953, il-Qorti tal-Appell Kriminali (sede Inferjuri) qalet:

*"Biex jista' jingħad li hemm l-estinzjoni ta' l-azzjoni minħabba sentenza preċedenti, hemm bżonn li jkun l-istess fatt, fiżikament rigwardat (ara art. 521 Kap.125 ). Ma hux biżżejjed li jingħad li sar fl-istess 14nciden ta' azzjoni, u intant ikun materjalment distingwibili."*

Fis-sentenza **Il-Pulizija v. Philip Ciantar** deċiża fid-9 ta' Diċembru 1961, il-Qorti tal-Appell Kriminali (sede Inferjuri) intqal:

*"Issa, għalkemm hu veru li bil-kelma "fatt" il-liġi tintendi mhux biss il-fatt sempliċement storiku jew naturali, imma anki ġuridiku (Kollez. Vol. XIX-IV1), b'mod illi jekk il-fatt naturali jagħti lok għal diversi mputazzjonijiet, id-deduzzjoni ta' titolu ta' reat wieħed hija ta' ostakolu għad-deduzzjoni ta' titolu ta' reat ieħor fuq l-istess fatt, hu ugwalment veru, pero, li jekk il-fatt naturali hu divers, allura ma jistgħax ikun hemm lok għal "non (recte ne) bis in idem.".*

Fil-każ odjern, huwa minnu li għal dak li jirrigwarda l-erbatax imputazzjoni odjerna, fis-sentenza l-oħra li ngħatat fil-konfront tal-istess imputat fid-9 ta' April 2018 u fis-6 ta' Novembru 2018, il-Qrati ma attivawx is-sentenza ta' priġunerija sospiża, imma ġie estiż biss l-operazzjoni tas-sentenza sospiża. Madanakollu, tenut ta' dawn is-sentenzi, din il-Qorti tqies li hemm ir-res judicata fuq din l-erbatax-il imputazzjoni.

Dwar it-tlettax-il imputazzjoni, din il-Qorti wkoll tqies li hemm ir-res judicata. In parentesi, jingħad ukoll li din l-imputazzjoni hija waħda skorretta in kwantu s-sentenza li kellha tiġi mniżżla f' din l-imputazzjoni ngħatat fit-18 ta' Mejju 2016 u mhux 18 ta' Mejju 2015. Għaldaqstant, anke in vista ta' dan, l-imputat għandu jiġi liberat minn din l-imputazzjoni.

Dwar il-ħmistax-il imputazzjoni, il-Qorti qieset li meta ngħatat is-sentenza tas-6 ta' Novembru 2018, l-imputazzjoni dwar ir-reċidiva kienet qed tkopri l-kundanni kollha li kienu kommessi qabel it-28 ta' Marzu 2018 u xhur ta' qabel. Dan il-każ odjern seħħ preċedentement għat-28 ta' Marzu 2018 u in fatti jkopri 30 ta' Novembru 2017 u jiem, xhur u snin qabel. Għaldaqstant, anke fir-rigward ta' din l-imputazzjoni, hemm ir-*res judicata* stante li tali imputazzjoni diġà ġiet ġudikata fis-sentenza tas-6 ta' Novembru 2018.

Għaldaqstant, għal dawn it-tlett imputazzjonijiet fiċ-ċitazzjoni odjerna, hemm l-ostakolu tal-ġudikat.

**<u>Piena</u>**

Dwar il-piena li għandha tiġi nflitta, din il-Qorti qieset in-natura tar-reati li bihom ġie akkużat l-imputat u l-fedina penali ta' l-imputati li turi sensiela ta' reati simili għal dawk mertu ta' dawn il-proċeduri odjerni.

Saret talba għal konfiska tal-vettura ABQ 567. L-artikolu li jirregola tali konfiska huwa l-artikolu 23(1) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta li ġie eżminat

fil-kawża fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Boris Formosa** deċiża mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fid-9 ta' Marzu 2006 fejn kien intqal li:

*"Issa skont l-artikolu 23(1) tal-Kodiċi Kriminali, il-konfiska tal-corpus delicti, ta' l-istrumenti li servew jew li kien maħsub li jservu sabiex isir id-delitt u ta' kull ma jkun ġie miksub bid-delitt, hija konsegwenza tal-piena stabbilita mil-liġi għad-delitt, ukoll jekk din il-konfiska ma tkunx espressament imsemmija fil-liġi, barra minn meta persuna li ma tkunx ħadet sehem fid-delitt, ikollha jedd fuq dawk l-oġġetti."*

Għaldaqstant minn qari ta' l-artikolu 23(1) u anke dak li ngħad fis-sentenza fuq ċitata, din il-Qorti sejra wkoll tordna l-konfiska tal-vettura ABQ 567.

Għal dawn il-motivi l-Qorti li wara li rat u kkunsidrat l-Artikoli 17, 18, 23, 31, 28B, 49, 50, 188, 328(d), 338 (dd), 355AD (3), (4) u (5), 527 u 533 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta; l-artikoli 15(1), 15 (1) (a), 15 (2) u 15 (3) tal-Kap 65 tal-Liġijiet ta' Malta; l-artikoli 3(1) (a); 3(2) u 3(2A) tal-Kap 104 tal-Liġijiet ta' Malta; ir-regolament 13(2) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 368.02 tal-Liġijiet ta' Malta; l-artikoli 67(1) u 127 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 65.11 tal-Liġijiet ta' Malta u l-artikolu 19(1) tal-Kap 258 tal-Liġijiet ta' Malta; filwaqt li ddikjarat li hemm l-ostakolu tal-ġudikat fil-konfront tat-tlettax, erbatax u ħmistax-il imputazzjoni u lliberat lill-imputat minnhom; u filwaqt li lliberat lill-imputat mit-tieni, mill-ħames u mid-disa' imputazzjoni peress li dawn ma ġewx ippruvati; sabet lill-imputat ħati tal-ewwel, it-tielet, ir-raba', is-sitt, is-seba', it-tmienja, l-għaxar, il-ħdax u t-tnax-il imputazzjoni dedotti fil-konfront tiegħu u kkundannat lill-istess imputat għal perjodu ta' tmintax-il xahar priġunerija.

A tenur tal-artikolu 15(3) tal-kap 65 tal-Liġijiet ta' Malta skwalifikat lill-imputat milli jkollu jew jikseb liċenzja tas-sewqan għal perjodu ta' 24 xahar, liema terminu jibda jiddekorri mid-data li fiha l-istess imputat jiġi rilaxxat mill-Faċilità Korrettiva ta' Kordin.

Il-Qorti ordnat li l-imputat jiġi kkundannat iħallas l-ispejjeż relattivi għan-nomina ta' espert Mario Buttiġieġ a tenur tal-artikolu 533 (1) tal-Kodiċi Kriminali.

Il-Qorti ordnat ukoll il-konfiska tal-vettura bil-mutur tal-għamla Astra bin-numru tar-reġistrazzjoni ABQ 567 ai termini tal-artikolu 23 tal-Kodiċi Kriminali.

In fine l-Qorti dderiġiet lill-imputat sabiex iħallas id-danni kkaġunati lil Alan Brincat Mummery li skond il-provi prodotti jammontaw għal EUR 259.60c.

3. Illi minn din is-sentenza Marius Camilleri interpona appell permezz ta' rikors datat 29 ta' Lulju 2019 li permezz tiegħu talab lil din il-Qorti jogħġobha:

> Tvarja s-sentenza tal-Qrati tal-Magistrati (Malta) fl-ismijiet Pulizija vs Marius Camilleri tal-11 ta' Lulju 2019 fis-sena li tikkonfermaha in kwantu din –
> -illiberatu mit-tieni, mill-hames, mid-disa', mit-tlettax, mill-erbatax u mill-hmistax-il akkuza, u
> -sabitu hati tar-raba', tas-sitt, tas-seba' u tat-tnax-il akkuza –
> Izda tirrevokaha in kwantu din sabitu hati tal-ewwel, tat-tielet, tat-tmien, tal-ghaxar u tal-hdax-il akkuza u kkundannatu ghal tmintax-il xahar prigunerija b'dan li tilliberah minnhom, oltre li tigi revokata wkoll in kwantu giet ordnata l-konfiska tal-vettura Astra numru ABQ567, in

kwantu l-akkuzat gie skwalifikat milli jottjeni jew izomm licenzja tas-sewqan ghal sentejn, in kwantu dik il-Qorti ordnat lill-intimat ihallas l-ispejjez tal-espert Mario Buttigieg, u in kwantu dderigiet lill-imputat ihallas lil Alan Brincat Mummery is-somma ta' €259.60.

Dan wara li saħaq is-segwenti: -

11. Illi l-aggravju jirrigwarda s-sejba tal-ħtija fuq l-ewwel akkuża. L-Ewwel Qorti daħlet fid-distinzjoni bejn **falz materjali u falz ideoloġiku** u xebbħet il-każ odjern ma' każ fejn persuna wżat number plates ta' karozza fuq vettura oħra. In-number plates huma mezz ta' identifikazzjoni ta' karozza, u għalhekk meta tibdel in-number plates tkun qed tibdel l-identifikazzjoni tal-karozza, u allura jista' jiġi argumentat li jissussisti l-falz ideoloġiku. Għalkemm l-ewwel Qorti ċċitat każ partikolari fejn finalment ġie deċiż li l-bdil ta' number plates jippreżenta flasita' ideoloġika, sentenzi oħrajn ma mxewx fuq l-istess linja, tant fi żmien qasir, proprjament permezz ta' Att XXIII tal-2000 ġie ntrodott Regolament ġdid li bih inħoloq ir-reat ta' meta persuna tgħatti jew tbiddel in-number plates. Pero' ma sarx l-istess għal dak li jirrigwarda d-disc tal-liċenzja ta' mal-windscreen.

Id-disk tal-liċenzja ma għandhiex dik il-funzjoni ta' identifikazzjoni: dik qiegħda hemm biex il-Pulizija jew wardens li jkunu jixtiequ jivverifikaw jekk il-karozza għandhiex liċenzja viġenti, flok ifittxu fis-sistema ta' Transport Malta ikollhom short-cut. Pero' llum il-ġurnata l-mezz uffiċjali u assolut li bih din il-ħaġa tiġi verifikata hija b'mod elettroniku ma' Transport Malta, u għalhekk il-bdil tad-disc ma joħloqx dak il-kunċett ta' identita' falza. Il-fatt li l-vettura ma kellhiex id-disc approprju jammonta għal ksur ta' liġi oħra, u ċioe' dik li ġie akkużat biha taħt is-sitt akkuża, u fi kwalunkwe każ l-appellant m'għandux jinstab ħati doppjament għall-istess ħaġa.

2. Illi t-tieni aggravju jirrigwarda s-sejba tal-ħtija fuq it-tielet akkuża li tirrigwarda s-**sewqan ta' mutur bla liċenzja ta' sewqan tal-muturi**. L-esponent ammetta li huwa ġieli saq mutur żgħir, pero' wieħed irid iżomm kont li sa ftit ta' snin ilu dawk il-muturi żgħar b'ċilindraġġ baxxa ma kinux jeħtieġu liċenzja għalihom biex jinstaqu. L-esponent, hu u jikkopera mal-Pulizija waqt l-istqarrija, aċċetta li ġieli saq dak il-mutur, pero' la ġie determinat żmien u anqas lok fejn dan instaq. L-ewwel Qorti nnotat li din l-istqarrija ġiet korroborata minn affidavits ta' tliet uffiċjali tal-Pulizija li qalu li l-esponent ammetta magħhom li kien saq mutur. Fid-deliberazzjoni tagħha dwar it-tieni akkuża, l-Ewwel Qorti korrettement innutat li meta ma jkunx magħruf meta reat twettaq, ma tistax tinstab ħtija in kwantu r-reat seta' kien preskritt. Dik il-Qorti ma addottatx dak l-istess raġonament loġiku għal din it-tielet akkuża. Huwa għalhekk perikoluż u nġust li l-

akkużi kontra l-esponent inħarġu bla ebda sens ta' data jew żmien, u ma jkunx ġust li l-esponent jinstab ħati ta' ħaġa li ddekorriet minn fuqha l-preskrizzjoni.

11. Illi t-tielet aggravju jirrigwarda s-sejba tal-ħtija fuq it-tmien akkuża li fuq **il-karta tal-identita' m'għandux indikata d-dar ta' residenza tiegħu**. L-esponent għandu żewġt idjar ta' residenza, u l-karta tal-identita' qiegħda fuq waħda minnhom. Inħarġitlu akkuża li ma nformax lill-awtoritajiet bil-bdil ta' indirizz skont l-Artikolu 19 tal-Kap 258. F'Malta u Għawdex għandna eluf ta' nies li l-karti tal-identita' tagħhom ma jirriflettux fejn ikunu jirrisjedu l-iktar, u ebda passi ma jittieħdu. Mill-ġurisprudenza joħroġ li dment li dik ir-residenza tkun verament tiegħek, **ma jkun hemm ebda ksur ta' liġi jekk l-indirizz muri fuq il-karta tal-identita' tkun fuq post li tużah inqas minn ieħor**. Dan huwa preċiż il-każ ta' Mario Camilleri: għal snin twal huwa kien jgħix 32 Tessmar Triq Nikol Montebello, Qormi, pero' mbagħad huwa xtara residenza oħra f'44 Triq Marcel Attard Vaniolo, Qormi. La l-indirizz oriġinali f'Ħal Qormi wkoll għadu validu, huwa ma kellux jinstab ħati ta' din l-akkuża.

11. Illi r-raba' aggravju jirrigwarda s-sejba tal-ħtija fuq l-għaxar imputazzjoni dwar **ħsara fil-proprjeta' ta' Alan Brincat Mummery**. L-ewwel Qorti affaċjata bil-fatt li Alan Brincat Mummery la identifika min kien qed isuq il-mutur li laqtu u anqas meta, għaddiet biex irriskontrat dak li qal l-esponent a tempo vergine ma' dak li xehed fil-Qorti. Dak li wieħed ikun qal lill-Pulizija a tempo vergine ma jista' qatt jiġi ammess bħala prova, jekk qabelxejn il-Pulizija ma jkunux infurmawh bid-drittijiet tiegħu sew tas-silenzju kif ukoll tal-assistenza legali. Jidher ċar li dak li qalu fl-affidavits PC 16, PC 779, u PS 362 kienu detto del detto rifibbli għall-allegata ammissjoni li ttieħdet mingħajr ma l-persuna suspettata ġiet avżata bid-drittijiet tagħha. Dak kien żmien ieħor fejn dawn l-affarijiet kienu aċċettati, pero' llum il-ġurnata ma tistax tinstab ħtija fuq 'ammissjoni' li saret meta l-persuna ma tkunx ingħatat id-drittijiet tagħha, li llum il-ġurnata huma garantiti mhux biss mill-Qorti tad-Drittijiet tal-Bniedem imma anke mill-Qrati Maltin.

Illi agħar minn hekk, jekk wieħed jara d-dokument li rreferiet għalih l-Ewwel Qorti, u sejħitlu UP9, li huwa proprjament SP9 (preżentat mill-Ispettur Sergio Pisani) a folio 80 tal-proċess, dan id-dokument mhux xejn attendibbli. Fl-ewwel lok, id-dokument oriġinali kellu jkun konfermat minn min ħarġu, u allura l-isem indikat huwa Francois Saliba; fit-tieni lok dik l-invoice (bla VAT number ma tidhirx li hija riċevuta) kellha tindika lil min inħarġet, u allura lil Alan Brincat Mummery.

11. Illi l-ħames aggravju jirreferi għas-sejba tal-ħtija fuq il-ħdax-il akkuża. Dak li ngħad fl-aggravju preċedenti huwa applikabbli hawn. Jekk

għad-diskussjoni tas-suġġett jiġu skartati d-drittijiet tas-suspettat u naqbżu għall-allegat 19ncident riportat: jekk il-Pulizija in kwistjoni qalu li Mario Camilleri qalilhom li laqat biss il-meta ta' karozza b'minkbu, dan ifisser li Mario kien qed jifhem li ma saret ebda ħsara, u għalhekk ma kienx hemm lok li jieqaf u jmur jagħmel rapport mal-Pulizija. Dan ir-reat, biex jissusisti, jeħtieġ li jew is-sewwieq ta' vettura ikun jaf li kkaġuna ħsara u ma waqafx (**hit-and-run**) jew ġie mwaqqaf minn Pulizija jew warden, imma ma waqafx. Hawnhekk ma kellna l-ebda warden jew Pulizija jwaqqaf is-sewwieqa, u allura jekk Mario Camilleri ma ra li kkawża ebda ħsara, ma kien tenut li jmur jirrapporta xejn mal-Pulizija.

6. Illi s-sitt aggravju jirreferi għad-deċiżjoni tal-Ewwel Qorti li tapplika l-artikolu 23 (1) tal-Kodiċi Kriminali u ordnat **il-konfiska tal-vettura** ossia truck numru ABQ567. L-artikolu msemmi jitkellem fuq konfiska tal-corpus delicti, u ċioe' jew l-istrument li jkun intuża biex jitwettaq reat jew il-gwadann li jkun inkiseb minn reat. Ġialadarba l-appellant ġie liberat mit-tieni akkuża ta' sewqan traskurat, bla kont u perikoluż, huwa ma nstab ħati ta' ebda reat ieħor (mhux kontravenzjoni) li ġie mwettaq bl-użu tal-vettura in kwistjoni, numru ABQ567.

Bla preġudizzju għall-ewwel aggravju hawn fuq imqajjem, anke jekk din l-Onorabbli Qorti tikkonferma l-ħtija skont l-ewwel akkuża, xorta ma jistax jingħad li persuna tuża l-vettura tagħha bħala strument għal biex turi liċenzja b'oħra. Bħala kunċett ma treġix.

7. Illi s-seba' aggravju wkoll jirreferi għad-deċiżjoni tal-**konfiska tat-truck ABQ567**, bla preġudizzju għas-sitt aggravju. Bħalma koinċidentalment xehed Saviour Attard, dan it-truck in kwistjoni nxtara mill-appellant b'hire-purchase agreement, li teknikament u legalment ifisser li l-vettura ssir proprjeta' assoluta tal-esponent biss meta l-prezz kollu tagħha jitħallas, ħaġa li għadha ma avvertatx ruħha. Il-kunċett ta' hire purchase agreement proprju jisvolġi f'sitwazzjoni ġuridika fejn il-vettura tkun 'mikrija' għand l-esponent, u jekk huwa jħallas ir-rati mesili kollha miftiehma, din issir proprjeta' tiegħu. Jekk allura l-vettura in kwistjoni għadha teknikament u legalment tappartjeni lil Saviour Attard ta' Attrans Limited, huwa ben paċifiku li ma tistax issir konfiska fuq terz in bona fede.

8. Illi meta wieħed janalizza x'kienu l-akkużi oriġinarjament, u x'inhuma dawk li fil-fatt instab ħati bihom, it-terminu ta' priġunerija effettiva, skwalifika u konfiska jikkostitwixxu **piena esaġeratament ħarxa**. Bħalma ngħad fil-bidu, il-pieni għandhom jirriflettu l-ħtija partikolari tal-każ, u mhux jilagħbuha tal-imħallfin. L-imputazzjonijiet li bihom l-esponent instab ħati tagħhom huma prattikament kontravenzjonali, u m'huwiex ġust li tiġi nflitta piena ħarxa għax il-pubbliku hekk qed jitlob, bħalma kien isir fl-areni tal-gladjaturi. B'mod oġġettiv, anke kienu ebda wieħed mill-

aggravji hawn sollevati ma jintlaqa', il-piena nflitta ma tirriflettix il-ksur tal-liġi mwettaq, kważi kważi aktar severa minn ta' min jinstab ħati ta' sewqan traskurat li jwassal għal ġrieħi jew mewt ta' persuni.

9. Illi d-disa' aggravju jirreferi għad-deċiżjoni tal-ewwel Qorti li **tiskwalifika lill-esponent milli jkollu jew jikseb liċenzja tas-sewqan** għal perjodu ta' 24 xahar. Il-minimu li trid il-liġi huwa ta' tmint ijiem. L-esponent ġab provi suffiċjenti u mhux kontradetti li huwa jsuq it-truck għal biex jaħdem u jaqla' l-ħobża ta' kuljum għalih u għall-familja tiegħu. Il-Qrati tagħna stabbilew il-prassi li din hija raġuni suffiċjenti għal biex persuna tiġi skwalifikat il-minimu rikjest mil-liġi. Hawnhekk l-Ewwel Qorti skartat dan u anzi marret għal skwalifika ta' sentejn.

Illi di piu', b'ġustizzja għandu jiġi kkunsidrat ukoll li bħala waħda mill-kondizzjonijiet tal-ħelsien mill-arrest f'din il-kawża, l-esponent kien ġie projbit milli jsuq kwalunkwe vettura, kondizzjoni li għandha effett ta' skwalifika, b'dan li l-esponent ilu minn Novembru 2017 ma jistax isuq u bla xogħol. Il-piena tal-iskwalifika tkun qed tiġi skuntata doppja b'effett triplu in kwantu l-esponent qed jinżamm milli jkompli jaħdem l-aħħar snin tal-ħajja lavorattiva tiegħu, u b'effett kwadruplu fuq il-pensjoni tiegħu.

10. Illi l-għaxar aggravju jirreferi għall-ordni mogħtija mill-Ewwel Qorti fis-sentenza tagħha li l-esponent għandu **jħallas l-ispejjeż tal-espert** Mario Buttiġieġ. Sa mill-jum li l-Prosekuzzjoni tablet il-ħatra ta' espert, fis-7 ta' Frar 2018 id-difiża mill-ewwel irreġistrat l-oġġezzjoni għal tali talba stante li l-ħatra ta' tali espert ma kienet ser twassal imkien. (vide verbal a fol. 174) Finalment, anke l-Qorti tal-Prim' Istanza waslet għall-konklużjoni li r-rapport tal-espert Mario Buttiġieġ ma kienx suffiċjenti għal biex l-esponent jinstab ħati tal-kontravvenzjonijiet li għalihom inħatar l-espert. Dik il-Qorti spjegat għalxiex dak ir-rapport peritali m'huwiex suffiċjenti, u l-ispjega mogħtija hija kważi identika għall-ispjega tal-oġġezzjoni sollevata mid-difiża meta tqajmet l-oġġezzjoni għall-ħatra ta' tali perit. Ġialadarba l-akkuża li għaliha nħatar il-perit Mario Buttiġieġ ma rriżultatx u l-esponent ġie liberat minnha, il-ġurisprudenza tagħna hija kostanti u tiddetta li l-imputat ma jistax jiġi ordnat iħallas l-ispejjeż ta' dak l-espert.

11. Illi finalment, il-ħdax-il aggravju jirreferi għad-direzzjoni mogħtija mill-Ewwel Qorti fis-sentenza sabiex l-imputat **iħallas lil Alan Brincat Mummery** €259.60.
Fl-ewwel lok, bħalma ġie sollevat qabel, l-esponent għandu jiġi liberat mill-akkuża li kkawża ħsara lil Alan Brincat Mummery.
Fit-tieni lok, bla preġudizzju għal dan, la qatt kien hemm talba għal tali ordni, u anqas ġie ċitat ebda artikolu tal-liġi li jwassal għal biex l-esponent jiġi dirett iħallas lill-parte civile kif ordnat. Għalhekk l-Ewwel Qorti marret lil hinn minn dak fil-poter tagħha b'din id-direzzjoni.

> Fit-tielet lok, bla preġudizzju għall-preċedenti, dik li kellha tkun l-aħjar prova tal-allegat dannu, ir-riċevuta, hija prova fjakka, ekwivoka u mhux konklussiva. L-Ewwel Qorti ħadet rwol ta' Qorti Ċivili bla ma rrikjediet dak il-livell ta' prova li l-Qrati Ċivili jirrikjedu sabiex talba ta' attur tiġi dikjarata pruvata.

***Ikkunsidrat:***

4. Illi f'Novembru 2017 ġew imxandra xi filmati fuq il-mezzi soċjali fejn kien jidher trakk qiegħed allegatament jinstaq bi traskuraġni kbira u b'manjiera perikoluża fl-inħawi ta' Triq il-Mensija, San Ġwann u dan meta l-istess trakk issorpassa serbut karrozzi li kienu fit-traffiku billi qabeż il-linja medjana kontinwa fl-istess triq. Minn stħarriġ ulterjuri irriżulta illi dan it-trakk kien tal-għamla Astra, bin-numru ta' reġistrazzjoni ABQ567 u li kien reġistrat f'isem l-appellant. Ġew imxandra wkoll filmati oħra fejn kien jidher trakk simili jikkonduċi manuvri kemxejn perikolużi f'toroq oħra.

5. L-appellant ġie arrestat minn gwardjan lokali fit-30 ta' Novembru 2017, fejn ġie nnutat isuq l-istess trakk, wara li kien inħareġ fuq il-*wanted list* tal-Pulizija. Meta twaqqaf l-appellant intalab jagħti l-liċenzja u l-assikurazzjoni tiegħu, iżda hu ma pprovdihomx immedjatament. In oltre skond ix-xhieda li ddeponew fil-kors ta' dawn il-proċeduri, jidher illi kif twaqqaf mill-ewwel gwardjan lokali, l-appellant kien allegatament arroganti u beda jidgħi u jkelmu ħażin.

6. Kontestwalment kien sar rapport ieħor fuq il-mezzi soċjali fejn Alan Brincat kien talab l-assistenza wara li kien involut f'inċident

awtomobilistiku ma mutur bin-numru ta' reġistrazzjoni CCE474. Is-sewwieq ta' dan il-mutur, laqtu, ikkaġunalu ħsarat fil-vettura misjuqa minnu u minflok waqaf baqa' sejjer. Minn stħarriġ li għamlu l-Pulizija, rriżulta li dan il-mutur kien reġistrat f'isem Charlotte Camilleri li tiġi bint l-appellant. Il-Pulizija għamlu diversi tentattivi sabiex jintraċċaw lill-istess Charlotte Camilleri fir-residenza fl-indirizz 32, Tessma, Triq Niki Montebello, Ħal-Qormi iżda din ir-residenza kienet tidher fi stat abbandunat. Xi ħin wara ġie nnutat l-appellant joħroġ it-trukk mill-garaxx biswit din ir-residenza.

7. L-appellant ġie mitkellem mill-Pulizija fuq il-post fejn staqsewh għal bintu, li ma kienetx hemm. Il-Pulizija infurmawh dwar ir-raġuni li xtaqu jkellmuha, u l-appellant infurmhom li dakinhar hu kien qed jagħmel użu mill-mutur in kwistjoni. L-appellant qal li kien jiftakar li kien laqat vettura b'idejħ iżda li kien baqa sejjer peress li ma kien hemm l-ebda ħsara. L-appellant intalab jattendi l-Għassa tal-Pulizija sabiex ikellem lill-ispettur Sergio Pisani dwar l-allegazzjonijiet li saru kontra tiegħu.

8. L-appellant ġie debitament imwissi skond il-liġi u rrilaxxa stqarrija fejn ikkonferma li hu biss isuq it-trukk in kwistjoni li hu għaraf minn fuq wieħed mill-filmati murija lilu. Ikkonferma li kellu l-liċenzja skaduta tat-trakk apparti li ma kellux liċenzja jsuq mutur. In oltre l-appellant ikkonferma li fuq il-karta tal-identita tiegħu kien indikat l-indirizz residenzjali ġewwa Triq Niki Montebello iżda ma nnegax li għandu residenza oħra ġewwa Triq Marcel Attard

Vaniolo fejn kien qed jirresjedi u li jinstab kantuniera l-bogħod minn dik ta' Triq Niki Montebello.

9. Fid-dawl ta' dan kollu l-appellant tressaq il-Qorti akkużat b'diversi imputazzjonijiet.

***Ikkunsidrat :-***

1. Illi dan l-appell jistrieħ prinċipalment fuq apprezzament tal-provi prodotti. Għalhekk huwa importanti li jiġi ċċarat x'inhuma l-funzjonijiet ta' din il-Qorti tal-Appell Kriminali, li f'dan il-każ tisma' appelli minn sentenzi mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati. Dawn il-funzjonijiet ġew spjegati f'diversi sentenzi, fosthom fis-sentenza ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Emanuel ZAMMIT*** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri)[1] fejn intqal:-

[1] Tal-21 t'April 2005. Ara wkoll Ara, fost ohrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Domenic Briffa***, 16 ta' Ottubru 2003; ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Godfrey Lopez*** u r-***Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina*** 24 ta' April 2003, ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Lawrence Asciak sive Axiak*** 23 ta' Jannar 2003, ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Mustafa Ali Larbed***; ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Thomas sive Tommy Baldacchino***, 7 ta' Marzu 2000, ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Ivan Gatt***, 1 ta' Dicembru 1994; u ***Ir-Repubblika ta' Malta vs George Azzopardi***, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: ***Il-Pulizija vs Andrew George Stone***, 12 ta' Mejju 2004, ***Il-Pulizija vs Anthony Bartolo***, 6 ta' Mejju 2004; ***Il-Pulizija vs Maurice Saliba***, 30 ta' April 2004; ***Il-Pulizija vs Saviour Cutajar***, 30 ta' Marzu 2004; ***Il-Pulizija vs Seifeddine Mohamed Marshan*** et, 21 ta' Ottubru 1996; ***Il-Pulizija vs Raymond Psaila et***, 12 ta' Mejju 1994; ***Il-Pulizija vs Simon Paris***, 15 ta' Lulju 1996; ***Il-Pulizija vs Carmel sive Chalmer Pace***, 31 ta' Mejju 1991; ***Il-Pulizija vs Anthony Zammit***, 31 ta' Mejju 1991.

Fil-kawża ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Domenic Briffa*** ġie mistqarr li :

> Kif gie ritenut diversi drabi, hawn qieghdin fil-kamp ta' l- apprezzament tal-fatti, apprezzament li l-ligi tirrizerva fl- ewwel lok lill-gurati fil-kors tal-guri, u li din il-Qorti ma tiddisturbahx, anke jekk ma tkunx necessarjament taqbel mija fil-mija mieghu, jekk il-gurati setghu legittimament u ragonevolment jaslu ghall-verdett li jkunu waslu ghalih. Jigifieri l-funzjoni ta' din il-Qorti ma tirrizolvix ruhha f'ezercizzju ta' x'konkluzjoni kienet tasal ghaliha hi kieku kellha tevalwa l-provi migbura fi prim'istanza, imma li tara jekk il-verdett milhuq mill-gurija li tkun giet "properly directed", u nkwadrat fil-provi prodotti, setax jigi ragonevolment u legittimament milhuq minnhom. Jekk il- verdett taghhom huwa regolari f'dan is-sens, din il-Qorti ma tiddisturbahx (ara per ezempju Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez u r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina decizi minn din il-Qorti fl-24 ta' April 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence

kif dejjem gie ritenut huwa principju stabbilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti li hija ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-ewwel Qorti izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l- ewwel Qorti kinitx ragjonevoli fil-konkluzjoni taghha. Jekk, izda, din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment jew legalment tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura impellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni u konkluzjoni.

2. B'hekk anke jekk din il-Qorti tistħarreġ ix-xiehda li tkun tressqet quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, ir-rwol ta' din il-Qorti jibqa' dak ta' reviżjoni tad-deċiżjoni mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati. Fil-kors ordinarju tal-funzjoni tagħha, ma ssirx Qorti ta' ritrattazzjoni, ċjoe li terġa tisma' l-każ u tiddeċiedi l-każ mill-ġdid. Id-deċiżjoni jekk l-imputat ikunx ħati jew le qabel xejn teħodha l-Qorti tal-Maġistrati li għandha d-dover li tanalizza l-provi u l-argumenti legali u tasal għall-konklużjonijiet tagħha wara li tkun qieset kollox.[2]

3. Din il-Qorti, bħala Qorti tal-Appell Kriminali twettaq id-dmir ta' reviżjoni tas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati billi tara jekk u safejn, il-Qorti tal-Maġistrati, bis-saħħa tal-provi li jkunu ġew miġjuba mill-partijiet u tal-argumenti legali dibattuti quddiemha, setgħetx legalment u raġonevolment tasal għall-konklużjoni milħuqa

Asciak sive Axiak deciza minn din il-Qorti fit-23 ta' Jannar 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed deciza minn din il-Qorti fil-5 ta' Lulju 2002, ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino deciza minn din il-Qorti fis-7 ta' Marzu 2000, u r-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt deciza minn din il-Qorti fl-1 ta' Dicembru 1994).

[2] u dan sakemm ma jkunx hemm raġunijiet eċċezzjonali entro l-parametri ta' dak li jipprovdi l-artikolu 428(3)(5) tal-Kodiċi Kriminali li din il-Qorti tkun tista' tiddeċiedi hi l-meritu tal-kawża.

minnha fis-sentenza tagħha. Huwa minħabba f'hekk u biex tilħaq dan l-għan li din il-Qorti, bħala Qorti tal-Appell tagħmel l-apprezzament tagħha tal-provi prodotti quddiem dik il-Qorti.

4. Bosta drabi l-fatti li joħorġu mill-provi mhux dejjem ikunu jaqblu ma xulxin. Anzi ġieli jkun hemm xiehda li jgħidu bil-maqlub ta' xulxin. Għalhekk din il-Qorti trid tara jekk, u safejn, b'dawk il-provi li kellha quddiemha, l-Qorti tal-Maġistrati setgħetx tasal għall-konklużjonijiet tagħha kif jidhru fis-sentenza b'mod tajjeb u skont il-Liġi. Jekk din il-Qorti tara li l-Qorti tal-Maġistrati setgħet tasal għall-konklużjonijiet li waslet għalihom skont il-provi u l-argumenti legali li kellha quddiemha, allura din il-Qorti ma tibdilx il-konklużjonijiet milħuqa mill-Qorti tal-Maġistrati u dan għaliex jekk il-Qorti tal-Maġistrati tkun għamlet xogħolha tajjeb, din il-Qorti ma tistax taqbad u tibdlilha s-sentenza jekk ma jkunx hemm raġuni valida.

5. Jekk mill-banda l-oħra din il-Qorti tara li, mill-provi li nġiebu jew mill-argumenti legali imresqin quddiemha, l-Qorti tal-Maġistrati tkun żbaljat fl-apprezzament tal-provi jew fl-interpretazzjoni tal-argumenti legali imresqin quddiemha, b'mod li allura din il-Qorti tqis ma jkunx sigur u sodisfaċenti li tistrieħ fuq dawk il-konklużjonijiet, allura din il-Qorti imbagħad għandha s-setgħa u d-dmir li tibdel dik is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati, jew dawk il-partijiet minnha li jirriżultaw li jkunu żbaljati jew li ma jirriflettux il-Liġi.[3]

[3] Ara wkoll, fost oħrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Rida Salem Suleiman Shoaib***, 15 ta' Jannar 2009; ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Paul Hili***, 19 ta' Gunju 2008; ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Etienne Carter***, 14 ta' Dicembru 2004; ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Domenic Briffa***, 16 ta'

6. In oltre, għal dak li jirrigwarda l-kredibbilta' tax-xhieda, l-artikolu 638 tal-Kodiċi Kriminali jagħmilha ċara li filwaqt li huwa fid-dover tal-Prosekuzzjoni li ġġib il-provi kollha u l-aħjar prova possibbli sabiex il-grad tal-prova tal-Prosekuzzjoni jintlaħaq b'suċċess, is-subartikolu (2) tal-istess artikolu jippostula li xhud wieħed waħdu jekk emnut huwa suffiċjenti. Dan ukoll ġie kkonfermat minn ġurisprudenza nostrana kopjuża fejn dan il-prinċipju ġie ripetutament assodat.[4]

7. Illi wkoll relevanti ai fini tat-test tal-kredibbilta huwa l-artikolu 637 tal-Kodiċi Kriminali li jistipula li għal dak li jirrigwarda xhieda ta' eta' minuri, xhieda tal-imputat kif ukoll ix-xhieda ta' persuni li huma klassifikati taħt l-artikolu 636 tal-Kodiċi Kriminali, fosthom persuni li jkollhom interess fil-kwistjoni li fuqha tkun meħtieġa x-xhieda tagħhom, jew fir-riżultat tal-kawża : -

> id-deċiżjoni (dwar il-kredibbilta tagħhom) titħalla fid-diskrezzjoni ta' min għandu jiġġudika l-fatti, billi jittieħed qies tal-imġieba, kondotta u karattru tax-xhud, tal-fatt jekk ix-xhieda għandiex mis-sewwa jew hix konsistenti, u

---

Ottubru 2003; ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Godfrey Lopez*** u ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Eleno sive Lino Bezzina,*** 24 ta' April 2003; ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Lawrence Asciak sive Axiak***, 23 ta' Jannar 2003, ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Mustafa Ali Larbed***, 5 ta' Lulju 2002; ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Thomas sive Tommy Baldacchino***, 7 ta' Marzu 2000, ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Ivan Gatt***, 1 ta' Diċembru 1994; u ***Ir-Repubblika ta' Malta vs George Azzopardi***, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: ***Il-Pulizija vs Andrew George Stone***, 12 ta' Mejju 2004, ***Il-Pulizija vs Anthony Bartolo***, 6 ta' Mejju 2004; ***Il-Pulizija vs Maurice Saliba***, 30 ta' April 2004; ***Il-Pulizija vs Saviour Cutajar***, 30 ta' Marzu 2004; ***Il-Pulizija vs Seifeddine Mohamed Marshan et***, 21 ta' Ottubru 1996; ***Il-Pulizija vs Raymond Psaila et***, 12 ta' Mejju 1994; ***Il-Pulizija vs Simon Paris***, 15 ta' Lulju 1996; ***Il-Pulizija vs Carmel sive Chalmer Pace***, 31 ta' Mejju 1991; ***Il-Pulizija vs Anthony Zammit***, 31 ta' Mejju 1991.

[4] Ara fost oħrajn l-appelli kriminali sede inferjuri fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Joseph Bonavia*** ppreseduta mill-imħallef Joseph Galea Debono u datata s-6 ta' Novembru 2002; ***Il-Pulizija vs Antoine Cutajar*** ippreseduta mill-Imħallef Patrick Vella u deċiża fis-16 ta' Marzu 2001; ***Il-Pulizija vs Carmel Spiteri*** ippreseduta mill-Imħallef David Scicluna u deċiża fid-9 ta' Novembru 2011; Ara wkoll ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Martin Dimech*** deċiża mill-Qorti tal-Appell Sede Superjuri u ppreseduta mill-Imħallfin Joseph Filletti, David Scicluna u Joseph R. Micallef u datata 24 ta' Settembru 2004.

ta' fattizzi oħra tax-xhieda tiegħu, u jekk ix-xhieda hix imsaħħa minn xiehda oħra, u taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ.

8. Skond il-ġurisprudenza nostrana jekk il-Qorti tal-Maġistrati tonqos milli tagħmel dan l-ezerċizzju fir-rigward ta' xhieda ta' ċertu portata jew li permezz tat-testimonjanza tagħhom ikollhom pern fuq is-sentenza finali, tista tirriżulta n-nullita' tal-proċeduri, li tista' titqajjem anki *ex officio* mill-Qorti stess u dan partikolarment meta l-każ ikun jistrieħ fuq il-kredibbilta' o meno tax-xhieda. Fi kliem ieħor jekk il-Qorti tkun qed tibbaża s-sentenza tagħha fuq in-nuqqas ta' kredibbilta' o meno ta' xhud jew xhieda partikolari, dik il-Qorti ma tkunx tista tasal għal tali konkluzjoni b'mod sodisfaċċenti mingħajr l-ewwel ma tkun semgħet dawn ix-xhieda partikolari jixdu viva voce.[5]

9. In oltre kif gie ritenut mil-Qorti fl-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Joseph Thorne,***[6]

> mhux kull konflitt fil-provi ghandu awtomatikament iwassal ghall-liberazzjoni tal-persuna akkuzata. Imma l- Qorti, f' kaz ta' konflitt fil-provi, trid tevalwa l-provi skond il-kriterji enuncjati fl-artikolu 637 tal-Kodici Kriminali w tasal ghall-konkluzzjoni dwar lil min trid temmen u f' hix ser temmnu jew ma temmnux'.

10. L-akbar sfida li jkollu kull Ġudikant hi li huwa jkun jixtieq dejjem jasal li jiskopri l-verita storika. Dan peress li l-evidenza li jkollu quddiemu kemm dik diretta, kif ukoll u, *a maggior ragione*, dik indiretta, mhux dejjem neċessarjament iwasluh għall-dik il-verita'.

---

[5] Ara is-sentenza fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Joseph Bartolo*** deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar id-9 ta' Settembru 1999 ippreseduta mill-imhallef Vincent Degaetano.

[6] Deċiza fid-9 ta' Lulju 2003 mill-Qorti tal-Appell Kriminali Sede Inferjuri ippreseduta mill-Imħallef Joseph Galea Debono.

Xhud jista' jkun konsistenti kemm fil-veritajiet li jgħid kif ukoll fil-gideb li jista' jkun qiegħed jgħid. U huwa għalhekk li jeżisti wkoll ir-reat ta' sperġur għaliex il-Qrati mhux dejjem ikunu f'qagħda li jikxfu l-verita storika mix-xiehda tax-xhieda li jixhdu quddiemhom. U f'kull każ, il-Qorti ma għandhiex il-fakulta u s-setgħa li tidħol fil-profondita' tal-moħħ, qalb u kuxjenza tax-xhud li jkun xehed quddiemha b'mod li tkun tista' tistabbilixxi ċ-ċertezza assoluta ta' dak li jkun qed jaħseb u jgħid billi taqralu moħħu u qalbu.

11.Mill-banda l-oħra l-evidenza indiretta, dik li tistrieħ prinċipalment fuq iċ-ċirkostanzi u li tkun bażata fuq l-analiżi taċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ, għalkemm mhix giddieba, tista' tkun qarrieqa. Huwa għalhekk li dawn il-Qrati dejjem straħu fuq il-massima li biex l-evidenza ċirkostanzjali tkun is-sies ta' sejbien ta' ħtija, din trid tkun inevitabbilment univoka. Ċjoe li tipponta biss u esklussivament lejn direzzjoni waħda biss. U xejn ħliefha. Għax altrimenti, din it-tip t'evidenza tista' tiżvijja lil Ġudikant mir-riċerka tiegħu tal-verita.

12. Il-Liġi penali **ma teħtieġx** li biex persuna tiġi misjuba ħatja tkun trid tiġi stabbilita s-suffiċjenza probatorja taċ-ċertezza assoluta, u dan għaliex Qorti rari ħafna tista' tkun konfrontata b'dan il-livell ta' prova. Fil-Liġi Maltija, bħal dawk li jsegwu l-proċedura penali imnisla mis-sistema Anglo-Sassoni, huwa biżżejjed li Qorti ta' Ġustizzja Kriminali tkun konvinta lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni mill-provi imresqa mill-Prosekuzzjoni, u li ma jkunux ġew newtralizzati fuq bażi ta' probabbilta' mid-Difiża, sabiex tkun tista' ssib ħtija.

13. Dawn il-provi pero jridu qabel xejn ikunu jirrispettaw ir-regoli stabbiliti tal-evidenza fi proċedimenti penali, ċjoe l-*Law of Evidence*. Jekk dawk il-provi jkunu jikkonsistu prinċipalment fuq il-verżjoni ta' xhud waħdieni, il-Qorti xorta waħda tista' tasal sa' dak il-grad ta' prova, jekk dak ix-xhud ikun ġie emnut, in kwantu f'din l-eventwalita, din ix-xiehda ssir biżżejjed biex tagħmel prova sħiħa u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt ġie ippruvat minn żewġ xhieda jew aktar u tkun tista' ssib ħtija fl-akkużat.

14. Imbagħad, dik il-Qorti wara li tkun għarblet kemm l-evidenza ordinarja kif ukoll dik esperta, kemm dik diretta u kif ukoll dik indiretta, biex tkun tista' ssib ħtija fl-imputat, il-Qorti tkun trid tkun żgura moralment, *sure* bl-Ingliż u fis-sistema Legali Ingliż,[7] li l-każ seħħ skont kif tkun qed tipprospetta l-Prosekuzzjoni in bażi għall-provi ammissibbli li jitresqu quddiemha.

15. Il-grad ta' suffiċjenza probatorja *lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni* huwa l-ogħla livell ta' prova li l-Liġi teħtieġ fis-sistema Ġuridiku Malti sabiex Qorti ta' ġustizzja kriminali tkun tista' ssib persuna akkużata ħatja ta' reat. Huwa livell li ma' jeħtieġx iċ-ċertezza assoluta, iżda li huwa ogħla mill-bilanċ tal-probabbilitajiet. Fil-każ Ingliż ***Majid***,[8] Lord Moses stqarr hekk :

> Judges are advised by the Judicial Studies Board, as they have been for many years, to direct the jury that before they can return a verdict of guilty, they must be sure that the defendant is guilty.

[7] ***R v Majid***, 2009, EWCA Crim 2563, CA at 2
[8] ibid.

16. Inoltre, fil-ktieb tagħhom ***The Modern Law on Evidence***, Adrian Keane u Paul McKeown[9] jgħidu s-segwenti : -

> In the wake of difficulties encountered with the formula of proof beyond reasonable doubt, Majid makes it clear that the direction on the criminal standard must adhere to the formula of proof by being "sure", in accordance with the longstanding advice given to judges by the Judicial Studies Board. That advice currently contained in the Crown Court Bench Book, is simply that the prosecution prove their case if the jury, having considered all the relevant evidence, are sure that the accused is guilty. Further explanation is described as 'unwise'. If the jury are not sure then, they must find the accused not guilty.

17. Sabiex tara jekk dan il-livell ta' sufficjenza probatorja intlaħaqx din il-Qorti trid, *inter alia*, tara jekk u safejn persuna tkun qed tixhed is-sewwa bil-prinċipji provduti lilha fl-artikolu 637 tal-Kodiċi Kriminali. Jekk il-Qorti tqis li, applikati dawn il-prinċipji, xhud ikun qiegħed jixhed is-sewwa, allura tkun tista' toqgħod fuq dak li jkun qed jgħid jew fuq parti minn dak li jkun qed jgħid skont il-każ. Jispetta dejjem lil min ikun irid jiġġudika l-fatti jiddeċiedi jekk, applikati dawn il-prinċipji, jemminx xhud f'dak kollu li jkun qed jgħid jew safejn jemmen minn dak li jkun qed jgħid, u dan japplika wkoll meta x-xhud ikun xhud waħdieni tal-fatti allegati.

18. Huwa biss meta jkun hemm **id-dubju veru, bażat fuq ir-raġuni, fuq is-sens komun u fuq il-buon sens, u fuq stħarriġ dettaljat u b'attenzjoni, b'diliġenza u b'mod imparzjali tal-provi u l-argumenti kollha li jkunu ġew imresqin mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiża** li jwassal sabiex dak il-livell ta prova lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni jkun jista' jingħad li ma ntlaħaqx u li allura,

[9] Oxford University Press, 2012, p. 106 – 108.

bħala konsegwenza, l-akkużat ikun irid jiġi dikjarat mhux ħati tal-akkużi miġjuba kontrih.

***Ikkunsidrat:-***

19. Illi r-reat ta' dikjarazzjoni falza bi ksur tal-artikolu 188 tal-Kodiċi Kriminali, jaqra kif ġej:

> 188. (1) Kull min, sabiex jikseb xi vantaġġ jew benefiċċju għalih innifsu jew għal ħaddieħor, f'xi dokument maħsub għal xi awtorità pubblika, xjentement jagħmel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew jagħti tagħrif falz[10], jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' priġunerija għal żmien ta' mhux iżjed minn sentejn jew multa:
>
> Iżda ebda ħaġa f'dan l-artikolu ma tolqot l-applikabbiltà ta' xi liġi oħra li tipprovdi għal piena ogħla.
>
> (2) Meta d-dokument imsemmi fis-subartikolu (1) ma jkunx wieħed intiż għal xi awtorità pubblika, il-piena għandha tkun dik ta' priġunerija li ma tkunx iżjed minn sena jew multa.

20. In oltre skond l-appell kriminali fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Carmelo Abdilla,*** il-Qorti rriteniet illi

> 'Wiehed mir-rekwiziti tar-reat ikkontemplat fl-artikolu 188 tal-Kodici Kriminali mhuwiex li wiehed ikun realment akkwista xi vantagg, izda hu li d-dikjarazzjoni falza tkun saret bl-iskop li jigi miksub vantagg'.[11]

21. Il-Qorti tal-Maġistrati ikkunsidrat dan bħala każ ta' falz ideoloġiku fit-termini anke kif imfissra fis-sentenza ta' din il-Qorti diversament ippreseduta fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs. Paul Galea*** fejn intqal li :

> Id-differenza bejn il-falz materjali u l-falz ideogiku hi spejegata mill-awturi b'dan il-mod; filwaqt li fil-kaz tal-falz materjali id-dokument jigi ffalsifikat fl-essenza materali tieghu, fil-falz ideologiku d-dokument ikun iffalsifikat

---

[10] Emfazi ta' din il-Qorti.

[11] Deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Inferjuri) mill-Imħallef Victor J. Caruana Colombo nhar il-31 ta' Lulju 1997, Ref: Volume 81 (1997), Part No. 4, Section , Page 243

biss fis-sustanza u cjoe` fil-kontenut ideali tieghu. Fi kliem Manzini jkun hemm falsita` materjali meta d-dokument ikun wiehed mhux genwin (jigifieri jew meta l-awtur apparenti ma jkunx l-awtur reali tad-dokument jew meta d-dokument ikun issubixxa alterazzjonijiet wara l-formazzjoni definittiva tieghu), mentri fil-falz ideologiku, ghalkemm id-dokument ikun genwin "non e` veridico, perche` colui che lo ha formato gli fa dire cose contrarie al vero". Ghall-finijiet tad-dottirna in tema ta` falsita` jkun hemm dokument kull fejn hemm kitba, attribwibbli ghal persuna identifikabbli, liema kitba tkun tikkontjeni esposizzjoni ta` fatti jew dikjarazzjoni ta` volonta`. S'intendti, b'kitba wiehed ma jifhimx biss is-sinjali alfabetici, izda tinkudi dawk numerici, stenografici u anke kriptografici, basta li dik il-kitba tesprimi hsieb li jkun jiftiehem minn kulhadd jewminn certu numru ta` nies. Il-kitba f'dan is-sens tista` ssir kemm b'id kif ukoll b'mezzi mekkanici, b'mezz indelibbli jew li temporanjament il-mesagg - karta, parcmina, injam, gebel, hadid, palstik, ecc.[12]

22. Issa mill-fatti riskontrati jirriżulta li din l-imputazzjoni ġiet addebitata lill-appellant minħabba l-fatt illi hu espona fuq il-windscreen tat-trakk il-liċenzja ta′ ċirkolazzjoni ta′ vettura differenti minn dik illi filfatt kien qiegħed isuq. Irriżulta illi kellu mwaħħal id-diska tal-mutur KYMCO Agility 125 bin-numru ta′ reġistrazzjoni CCE474 filwaqt li hu kien qiegħed isuq it-trukk tal-għamla Astra bin-numru ta′ reġistrazzjoni ABQ 567. Il-Qorti tal-Maġistrati daħlet fil-kwistjoni tal-falz materjali u ideoloġiku u qablet is-sitwazzjoni ta′ dan il-każ bħal meta jkun hemm minn jesponi targa ta′ vettura flok oħra, ġeneralment sabiex jizvija lill-awtoritajiet dwar l-identita′ tal-vettura kkonċernata. Skond il-Qorti tal-Maġistrati ir-reat ipotizzat issusista minħabba l-fatt illi l-appellant xjentement waħħal din il-liċenzja ta′ ċirkolazzjoni li ma kinitx taqbel mat-targa ta′ reġistrazzjoni tal-vettura kkonċernata u għamel dan sabiex jakkwista vantaġġ għaliħ innifsu.

[12] Deċiża mill-Imħallef Vincent Degaetano nhar is-17/10/1997.

23. Bħala stat ta' fatt dan ma ġiex innegat mill-appellant allavolja jistqarr fix-xhieda tiegħu illi dik waħalha biż-żball. In oltre rriżulta wkoll mill-provi li hu ma kellux liċenżja tas-sewqan valida għal dak li jirrigwarda t-trakk għax skond hu meta mar sabiex iħallasha infurmawħ illi kellu jerġa' jagħmel xi eżami. Minflok għamel dak li qalulu u iddeċieda jippostponi l-ħlas in kwistjoni għas-sena ta' wara filwaqt li hu baqa xorta waħda jagħmel użu minn dan it-trakk. Mill-provi jirriżulta wkoll li d-diska mwaħħla fuq it-trakk kienet maħruġa b'riferenza għall-mutur ta' bint l-appellant. In oltre t-trukk li kien qed juża l-appellant u li kien qed jesponi dan id-dokument huwa t-trakk li l-appellant juża għax-xogħol tiegħu u illi huwa baqa' jsuqu minkejja li kien jaf li l-liċenzja tiegħu ma kienetx valida u li d-diska esposta ma setgħatx tkun u filfatt ma kinitx tat-trakk.

24. Madankollu din il-Qorti trid tqis jekk effettivament l-esposizzjoni tal-liċenzja taċ-ċirkolazzjoni tikkostitwix dikjarazzjoni falza għall-finijiet u għall-effetti kollha tal-artikolu 188 tal-Kodiċi Kriminali jew jekk dan l-att kienx jaqa' taħt l-elementi ta' reat ieħor. L-appellant jikkontendi li semmai hija s-sitt imputazzjoni miġjuba illi tkopri dan ix-xenarju, għall-liema reat l-appellant effettivament instab ħati wkoll.

25. Issa din il-Qorti jidhrilha li l-każ kwotat mill-Qorti tal-Maġistrati, ossija l-appell ta' ***Paul Galea***, fejn ġiet ttrattata d-differenza bejn il-falz materjali u l-falz ideoloġiku kien jikkomporta komportament differenti minn dak tal-appellant f'dan il-każ. Il-fatti żgur ma

humiex identiċi. F'dan il-każ l-azzjoni tal-appellant la tista' titqies li tikkostitwixxi falz materjali u l-anqas falz ideoloġiku. Dan peress illi d-dokument espost fuq il-windscreen tat-trakk kien dokument ġenwin u validu għall-finijiet u għall-effetti kollha tal-liġi. Dak id-dokument u ma kienx fiħ tibdil jew 'tbagħbis' tad-dettalji jew tad-dokument innifsu. L-appellant m'għamel xejn da parti tiegħu sabiex dan id-dokument ma jkunx *''veridico, perche` colui che lo ha formato gli fa dire cose contrarie al vero*" u dan peress illi hu essenzjalment ma kienx dak li 'fforma jew ifformula' dan id-dokument.

26. F'dan il-każ l-imputazzjoni hija ta' dikjarazzjoni falza u mhux falsifikazzjoni tad-dokument *per se*. Meta l-appellant waħħal mal-windscreen tat-trakk il-liċenzja taċ-ċirkolazzjoni tal-mutur ta' bintu dan għamlu sabiex jagħti impressjoni li t-trakk misjuq minnu kien in regola mal-liġijiet tat-traffiku u mal-liċenzji meħtieġa skond il-liġi. Din il-Qorti ma temminx illi l-appellant ġenwinament waħħal il-liċenzja ta' ċirkolazzjoni msemmija biż-żball kif saħaq. Minflok hija tal-fehma illi l-appellant xjentement waħħal din il-liċenzja ta' ċirkolazzjoni bl-skop li huwa jagħti x'jifhem lill-awtoritajiet pubbliċi relattivi illi għandu liċenzja tas-sewqan valida skond il-liġi għat-trakk in kwistjoni. Din hija forma ta' dikjarazzjoni falza u ta tagħrif falz b'dan il-mod. Iżda l-artikolu 188 tal-Kodiċi Kriminali jirrekjedi elementi oħra sabiex ikun jista' jitqies integrat dak ir-reat.

27. Fl-artikolu 188 tal-Kodiċi Kriminali huwa meħtieġ li d-dikjarazzjoni jew stqarrija falza jew tagħrif falz jiġu mwettqa f'xi dokument

maħsub għal xi awtorita pubblika. Dan ifisser li mhux kull dikjarazzjoni, stqarrija jew tagħrif falz maħsuba għal awtorita pubblika huma milquta minn dan l-artikolu – iżda tali dikjarazzjoni, stqarrija jew tagħrif falz iridu jsiru b'riferenza għal dokument maħsub għal xi awtorita pubblika. Il-kwistjoni hija jekk windscreen tat-trakk jew it-trakk innifsu jistax jitqies li huwa "*dokument*" għall-fini tal-Liġi. Ma hemmx dubju li d-diska li teħel mal-windscreen relattiva għal-liċenza tat-triq hija dokument fis-sens tal-Liġi; daqskemm hija wkoll it-targa tar-reġistrazzjoni ta' vettura, kif ukoll il-pjanċa li fuqu jkun impress in-numru tax-*chassis* tal-vettura. Iżda l-windscreen tal-vettura jew il-vettura innifisha per se tista' titqies li hija dokument fis-sens tal-Liġi?

28. L-azzjoni tal-appellant kienet tali li bit-twaħħil tad-diska tal-liċenza tat-triq tal-mutur fuq il-windscreen tat-trakk, huwa intenda li jiżvijja lill-awtorita pubblika rappreżentata mill-Gwardjani Lokali jew Aġenti tal-Pulizija li mal-ewwel daqqa t'għajn jingħataw l-impressjoni li dik il-vettura kellha l-liċenza tat-triq imħalsa. Huwa l-użu ta' dik id-diska fuq il-windscreen tat-trakk li jikkostitwixxi l-istrataġemma qarrieqa tal-appellant. Biex jissussisti r-reat taħt l-artikolu 188 tal-Kodiċi Kriminali, id-dikjarazzjoni, stqarrija jew tagħrif irid ikun magħmul f'xi dokument maħsub għal awtorita' pubblika. Il-*windscreen*, jew it-trakk jista' jitqies bħala dokument maħsub għal awtorita pubblika?

29. Fl-appell Kriminali ***Il-Maesta' Tagħha r-Reġina vs. Spiru Quintano et,*** deċiża nhar it-13 ta' Diċembru 1954, il-Qorti Kriminali

kolleġjalment komposta kienet iddeċidiet li l-kelma "dokument" għandha tifsira wiesa' fis-sens ta' kwalunkwe ħaġa li tiswa biex tipprova l-verita tista' titqies li hija dokument. B'hekk il-kelma "*dokument*" ma tillimitax ruħha għas-sens biss ta' skrittura, bħal ma hija karta, iżda tinkludi kull oġġett materjali bħal sikkina, ġebla, eċċetra. Fil-każ li l-akkuża tkun ta' falsifikazzjoni, dik il-Qorti irriteniet li huwa elementari li wieħed ma jistax jgħid "*falz dokumentali*" mingħajr ma jirruponi "*skrittura*". B'hekk f'tema ta' falsifikazzjoni, il-kelma "*dokument*" tirristrinġi ruħha għat-tifsira ta' skrittura tali illi jissejjah kemm "*falso documentale*" kif ukoll "*falso scritturale*". Anzi dik il-Qorti marret pass oltre meta qalet li l-kelma *dokument* f'akkuża ta' falsifikazzjoni ma kienetx tali li setgħet tiżvijja u dan peress li meta wieħed jeżamina d-dottrina fuq dan is-suġġett, il-kelma "*documento*" kienet tirrikorri kontinwament.

30.F'dan il-każ il-Prosekuzzjoni xliet lill-appellant bil-falsifikazzjoni ideoloġika. Dak li huwa għamel kien li billi waħħal id-diska tal-liċenza tal-mutur fuq il-windscreen tat-trakk, ġie li qarraq bl-awtorita pubblika fil-persuna tal-gwardjani lokali u l-Aġenti tal-Pulizija jaħsbu mal-ewwel daqqa t'għajn li t-trakk kellu l-liċenza tat-triq aġġornata u mħalsa. Biss din il-Qorti ma tistax tqis li l-windscreen jew it-trakk isir dokument maħsub għal awtorita pubblika għall-fini tal-artikolu 188 tal-Kodiċi Kriminali.

31.Hekk per eżempju fl-appell ***Paul Galea,*** il-Qorti tal-Appell Kriminali kienet irriskontrat li Galea kien mhux biss waħħal targa tar-reġistrazzjoni ta' vettura fuq vettura oħra – u b'hekk biddel l-

identita tal-vettura. Biss dik ma kienetx l-unika azzjoni intrapriża minn Galea f'dak il-każ u li xprunat lil dik il-Qorti tikkonkludi li kien integrat ir-reat tal-falz ideoloġiku u kompliċi fir-reat ta' falz materjali f'dak il-każ. F'dak il-każ, Galea kien ippanċja numru tax-*chassis* fuq il-pjanċa tal-vettura innifisha u liema numru kien differenti minn dak oriġinali tal-fabbrika. Apparti minn hekk

> Grima ta ukoll lill-appellant set pjanċi bin-numru K-2128. Jirriżulta ukoll li Grima ha hsieb it-tigdid tal-liċenzja tal-vettura u in segwitu saret applikazzjoni ghand il-pulizija sabiex il-vettura bin-numru K-2128 tinbidel minn wahda kummerċjali (van) ghal wahda private (bil-hgieg). Mhuwiex ċar mill-provi jekk din l-applikazzjoni ghamilhiex l-appellant personalment, jew jekk saritx minn Grima; li hu ċert hu li ma' din l-applikazzjoni l-applikant ipproduċa żewg ritratti ta' Landrover bil-pjanċa li turi n-numru K-2128, liema Landrover, <u>ċjoe dik li tidher fir-ritratti</u>, kienet fil-fatt Landrover oħra ta' l-appellant u li proprjament kellha n-numru B-0544. Jigifieri, anke jekk l-applikant ma kienx l-appellant, din il-Qorti hi sodisfatta lil hinn minn kull dubbju ddettat mir-raguni li l-appellant ghen lill-applikant billi pprovda l-vettura tieghu B-0544 biex tiġi ffotografata bil-pjanċa numru K-2128 ghall-fini ta' l-imsemmija applikazzjoni....
>
> Ma hemmx dubbju ukoll li l-appellant xjentement ghen sabiex il-pulizija tinghata taghrif falz (dwar il-vettura li fir-rigward taghha saret applikazzjoni ghal tibdil) u dan billi ppresta l-vettura tieghu sabiex tigi ffotografata b'numru li ma kienx taghha. Ghalhekk l-uniku tibdil li din il-Qorti tara li ghandha taghmel fis-sentenza appellata hu li kwantu ghall-ewwel imputazzjoni ssib lill-appellant hati bhala kompliċi u mhux bhala awtur;

32. Illi dan ifisser għalhekk li f'dik il-kawża id-dikjarazzjoni falza ma kienetx kostitwita biss bil-fatt li l-appellant kien waħħal in-number plates ta' vettura fuq vettura oħra. Iżda dik id-dikjarazzjoni falza mogħtija lill-awtorita pubblika kienet tikkonsisti fl-assjem tal-fatt li kienet saret applikazzjoni għand il-Pulizija – u allura f'dokument maħsub għal awtorita pubblika – fejn il-vettura bin-numru K-2128 tinbidel minn waħda kummerċjali (vann) għal waħda *private* (bil-

ħġieġ). Mela fl-appell ***Galea*** kien hemm applikazzjoni magħmula mal-Pulizija – ħaġa li f'dan il-każ tirriżulta li hija nieqsa. Minbarra dan, ma' din l-applikazzjoni l-applikant kien ipproduċa żewġ ritratti ta' Landrover bil-pjanċa li turi n-numru K-2128, liema Landrover, ċjoe dik li tidher fir-ritratti, kienet fil-fatt Landrover oħra ta' l-appellant u li proprjament kellha n-numru B-0544. Kienu dawn il-fatti magħqudin flimkien li kienet xprunat lil dik il-Qorti tikkonkludi lil hinn minn kull dubbju ddettat mir-raguni li l-appellant għen lill-applikant billi pprovda l-vettura tiegħu B-0544 biex tiġi ffotografata bil-pjanċa numru K-2128 **għall-fini ta' l-imsemmija applikazzjoni**. Dik il-Qorti ikkonkludiet li ma kienx hemm dubju wkoll li l-appellant xjentement għen sabiex il-Pulizija tingħata tagħrif falz (dwar il-vettura li fir-rigward tagħha **saret applikazzjoni** għal tibdil) u dan billi ppresta l-vettura tiegħu sabiex tigi ffotografata b'numru li ma kienx tagħha.

33. F'dan il-każ ma jirriżultax li l-appellant għamel xi applikazzjoni mal-Pulizija jew xi awtorita pubblika oħra jew li għamel xi dokument maħsub għal awtorita pubblika. Fil-fehma ta' din il-Qorti il-fattispecie ta' dan il-każ relattiv għall-ewwel imputazzjoni ma kienux jintegraw ir-reat ipotizzat fl-ewwel imputazzjoni, iżda semmai kellu jkun reat ieħor li jissanzjona atti u strataġemmi qarrieqa u frawdolenti magħmula mill-appellant biex iqarraq bl-awtoritajiet pubbliċi.

34. Apparti dan, din il-Qorti jidhrilha li r-reat ipotizzat taħt is-sitt imputazzjoni, ammess mill-appellant, huwa differenti minn dak

kontestat fl-ewwel imputazzjoni. L-artikolu 188 tal-Kodiċi Kriminali jippreskrivi reat differenti u aktar elaborat minn dak previst fis-sitt imputazzjoni.

***Ikkunsidrat: -***

35.Illi t-tieni aggravju ser jiġi ttrattat mar-raba' u mal-ħames aggravji peress li jikkonċernaw l-istess inċident stradali. Dawn rispettivament jikkonċernaw is-sejbien ta' ħtija tat-tielet imputazzjoni u ċioe li l-appellant saq mutur tal-għamla KYMCO Agility 125 bin-numru ta' reġistrazzjoni CCE474 mingħajr liċenzja bi ksur tal-artikolu 15(1)(a) tal-Kap 65, il-ħruq jew il-ħsara involontarja kontra Alan Brincat Memmery bi ksur tal-artikolu 328(d) tal-Kapitolu 9 formanti l-mertu tal-għaxar akkuża kontra tiegħu w in-nuqqas ta' waqfien wara li kien involut f'inċident tat-traffiku u/jew li jagħti l-partikolaritajiet tiegħu skond kif mitlub bi ksur tar-regolament 67(1) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja LS65.11 formanti l-mertu tal-ħdax il-akkuża mressqa kontra l-appellant.

36.Għal dak li jirrigwarda t-tielet imputazzjoni formanti l-mertu tat-tieni aggravju, l-appellant qed jikkontesta l-ħtija peress illi fil-fehma tiegħu, filwaqt illi kkonċeda illi hu ġieli saq il-mutur b'ċilidru żgħir, ma ġiex determinat iż-żmien u anqas il-lok fejn dan instaq. Ammetta biss li saq mutur. U kwindi huwa perikoluż li jinstab ħati ta' reat li seħħ fi żmien indeterminat u dan anki minħabba terminu ta' preskrizzjoni dekoribbli li seta' laħaq għadda sa żmien in-notifika ta' dawn il-proċeduri. Madankollu din il-Qorti ma taqbilx

mal-appellant illi din il-prova ma tressqitx. Il-Qorti tal-Maġistrati irreferiet għall-*affidavits* tal-Pulizija fejn l-appellant ikkonċeda li hu filfatt kien qiegħed isuq il-mutur li kien involut f'dan l-inċident stradali fejn il-vettura misjuqa minn Alan Brincat subiet ħsarat minħabba l-manuvra li għamel l-appellant filwaqt li kien qed isuq il-mutur in kwistjoni, allavolja hu jgħid li ma kkaġuna l-ebda ħsarat. Apparti minn hekk pero, fl-atti hemm ix-xhieda ta' Alan Brincat[13] li kkonferma l-inċident in kwistjoni, kif ukoll dik ta' PC16 E. Zammit[14] li fl-affidavit tiegħu jgħid li Brincat għandu vettura tal-għamla Jeep Renegade bin-numru ta' reġistrazzjoni ICA041 li ntlaqtet ġewwa Triq Ħal-Qormi nhar id-19 ta' Ottubru 2017 minn mutur bin-numru ta' reġistrazzjoni CCE474. Irriżultalu wkoll li sid il-vettura kien għamel rapport ġewwa l-għassa ta' Ħal-Qormi bin-numru 2/C/2866/2/17.[15] Dan ir-rapport ġie wkoll eżebit fl-atti u kwindi dak riskontrat fl-affidavit in kwistjoni seta' jiġi kkonfermat ulterjorment ukoll.

37. Finalment il-lokuzzjoni tal-imputazzjoni tkopri wkoll il-ġimgħat u x-xhur qabel it-30 ta' Novembru 2017, u fiha nnifisha tkopri bnadi oħra u mhux dik biss limitat għal Triq Manwel Dimech ġewwa Ħal-Qormi. Huwa ċar illi l-imputazzjoni in kwistjoni hija koperta kemm miż-żmien kif ukoll mil-lok applikabbli għaliha. B'hekk il-Qorti tal-Maġistrati setgħet legalment u raġonevolment issib ħtija fit-tielet imputazzjoni mressqa fil-konfront tal-appellant.

[13] Folio 99 tal-atti proċesswali u datat il-15 ta' Diċembru 2017.
[14] Folio 17 tal-atti proċesswali.
[15] Folio 76 tal-atti proċesswali u mmarkat bħala Dok SP8.

38. Fir-rigward tar-raba' aggravju relattiva għas-sejbien ta' ħtija fir-rigward tal-għaxar imputazzjoni, l-appellant jargumenta illi hu ma kellux jinstab ħati peress li l-Qorti tal-Maġistrati ma kelliex biżżejjed informazzjoni mix-xiehda ta'  Brincat biex tkun tista' tinstab ħtija. Jgħid li dik il-Qorti kellha ddur fuq dak li kien stqarr l-appellant mal-Pulizija *a tempo verġine*, f'kuntest fejn l-istqarrija ma kienetx valida in kwantu l-informazzjoni ma ngħabritx skond il-liġi.  L-appellant jgħid li dak li saħqu fl-affidavits tagħhom il-Pulizija ma kien xejn ħlief *hearsay evidence* to dak li stqarr l-appellant mingħajr ma kien avżat bid-drittijiet tiegħu.  Inoltre d-dokument immarkat bħala SP9 li l-Qorti tal-Maġistrati erronjament irriferiet għaliħ bħala UP9 ma kienx dokument attendibbli peress li ma ġiex ikkonfermat minn min ħarġu u lanqas ma jindika favur min inħareġ.

39. L-istess argument tressaq għal dak li jirrigwarda s-sejbien ta' ħtija fir-rigward tal-ħdax-il imputazzjoni u li hija l-meritu tal-ħames aggravju.  Skond dak li stqarr l-appellant hu dehrlu biss li laqat il-mera tas-sewwieq u b'hekk baqa' sejjer.  Huwa tenna li ma kienx hemm lok jew skop li huwa jieqaf jew imur jagħmel rapport lill-pulizija in kwantu jtenni li huwa ma kkawża ebda dannu.

40. L-appellant ma nnegax li kien involut personalment f'dan l-inċident.  Huwa indika li dakinhar kien hu li saq il-mutur minflok bintu.  Alan Brincat mill-banda l-oħra jikkonferma l-inċident u jikkonferma wkoll il-ħsarat sofferti u l-irċevuta tal-ħsarat inkorsi konsegwenza tal-istess inċident u li tinstab eżebita dok SP9.  Hemm ukoll l-NPS eżebit bħala Dok SP8 fejn hemm deskrizzjoni tal-ħsarat

inkorsi minn Alan Brincat bħala '*grif fuq il-bumper ta' wara fuq in-naħa tax-xellug u fanal ta' wara imxaqqaq*'.[16] In oltre skond l-istima tal-ħsarat inkorsi li jinstab eżebit a folio 80 tal-atti u li huwa datat d-19 ta' Ottubru 2017[17], ċioe' d-data tal-allegat inċident, d-deskrizzjoni tal-ħsarat taqbel mal-ħsarat kif deskritti u riskontrati minn Alan Brincat u mill-pulizija li osservaw l-istess ħsarat. Huwa minnu pero illi l-persuna li ħarġet din l-istima qatt ma ttellet tixhed sabiex tikkonferma l-istess.

41. Mill-affidavit ta' PC16 tirriżulta l-konferma tal-appellant dwar l-involviment tiegħu f'dan il-każ meta l-Pulizija marru jfittxu lill-bintu peress li l-mutur kien jgħajjat lilha. L-appellant jiċħad li huwa kkaġuna ħsarat lill-vettura li allegatament laqat b'idu. Prattikament l-istess diskors ġie ripetut mill-appellant fl-istqarrija li rrilaxxja wara, liema dokument ittieħed wara li l-appellant effettivament ingħata d-drittijiet kollha inkluż li jikkonsulta mal-avukat tal-għażla tiegħu, liema dritt hu rrifjuta. Dan joħroġ mit-tielet mistoqsija li saritlu matul l-istqarrija in kwistjoni, liema fatt hu kkonferma, apparti li dan huwa wkoll ikkonfermat mid-dikjarazzjoni dwar ir-rifjut ta' jedd għall-parir legali li ġie wkoll eżebit mill-Prosekuzzjoni flimkien mal-istqarrija tal-appellant. A differenza ta' dak misjub fir-rikors tal-appell, jidher ċar illi l-istqarrija ttieħdet skond il-liġi bil-ħarsien tad-drittijiet tal-appellant.

[16] Folio 78 tal-atti proċesswali formanti parti mid-Dok SP8 (PIRS).
[17] Dok SP9.

42. Dwar il-kawża u n-natura tal-ħsarat l-appellant f'ebda stadju m'ammetta għalihom. Huwa ammetta li kien qed isuq il-mutur bin-numru ta' reġistrazzjoni bin-numru CCE474 u li dakinhar vera seħħ dan l-inċident, għajr pero li kien bla konsegwenzi. Il-Qorti tal-Maġistrati setgħet biss toqgħod fuq il-verżjoni ta' Alan Brincat li ġie sorret ukoll permezz tal-NPS u l-istima li hu kkonferma. Skont l-artikolu 638 tal-Kodiċi Kriminali, il-Qorti tal-Maġistrati setgħet toqgħod fuq ix-xiehda ta' dan ix-xhud waħdu. U jidher li dik il-Qorti emnet ix-xiehda ta' dan ix-xhud.

43. In oltre, skond ġurisprudenza Maltija, sabiex il-ħsarat inkorsi jiġu stabbiliti mill-Qorti jinħtieġ illi :

> (i) jew tigi apprezzata direttament mill-gudikant, fis-sens li jekk il-gudikant ikun jifhem bizzejjed jista' jiddetermina huwa stess l-ammont tal-hsara billi jezamina l-oggett in kwistjoni; jew (ii) il-parti leza tghid kemm effettivament hallset biex issir it-tiswija ta' jew fi l-oggett; jew (iii) billi jitqabbad perit mill-qorti biex jaghti l-fehma tieghu dwar l-ammont tal-hsara fini ta' kredibbilta.[18]

B'hekk il-Qorti tal-Maġistrati setgħet legalment u raġonvolment issib ħtija fl-imputat appellant anki fir-rigward tal-għaxar imputazzjoni u b'hekk it-tieni u r-raba' aggravji sejrin jiġu miċħuda.

44. Għar-rigward tal-ħames aggravju li jittratta l-ħdax imputazzjoni jirriżulta li din hija bażata fuq ir-reat li jaqra hekk : -

> **67.** (1) F'kull każ, fejn minħabba vettura bil-mutur fi triq, jiġri xi inċident li jkun jinvolvi offiża fuq persuna oħra jew tiġi kaġunata ħsara lil xi vettura, annimal jew proprjetà oħra, id-driver tal-vettura bil-mutur għandu jieqaf u, jekk ikun meħtieġ li jagħmel dan minn uffiċjal tal-Pulizija, uffiċjal tal-komunità jew minn persuna, li jkollha raġuni biżżejjed li titlob li jsir hekk, jagħti isem u l-indirizz tiegħu, l-isem u l-indirizz tas-sid tal-vettura bil-

[18] Appell Kriminali ***Il-Pulizija vs. Joseph Zahra***, deċiża nhar l-24 ta' Frar 2003.

mutur, id-dettalji tal-assiguratur tal-vettura kif ukoll il-marka jew numru tar-reġistrazzjoni tal-vettura.

45. Kull meta jkun hemm inċident stradali li jinvolvi ħsarat ikkaġunati lil persuna, annimal jew propjeta', min ikun involut għandu l-obbligu li jieqaf u jekk ikun meħtieġ jagħti kwalunkwe informazzjoni pertinenti, inkluż il-liċenzja tas-sewqan u l-assikurazzjoni skond kif mitlub u skond il-każ li jkun. L-appellant jisħaq illi hu ma waqafx għax m'għamilx ħsara. L-appellant itenni wkoll li s-sewwieq l-ieħor, Alan Brincat, waqaflu f'daqqa, għamel manuvra biex jipprova jevita l-impatt, u ma jeskludix li seta' laqtu bil-minkeb fuq in-naħa xellugija tal-vettura. Mill-banda l-oħra Brincat jgħid li hu kien wieqaf fi Triq Ħal-Qormi fit-traffiku u f'daqqa waħda daħal fiħ l-appellant bil-mutur misjuq minnu u baqa' sejjer.

46. Il-ħsarat effettivament inkorsi minn Brincat ma jirriżultawx kompattibli ma daqqa ta' minkeb kif jisħaq l-appellant. L-impatt jirriżulta li kien ferm akbar minn hekk u aktar kompatibbli ma dak li saħaq Brincat. Il-Qorti tal-Maġistrati straħet fuq il-verżjoni ta' Brincat u mhux fuq dik tal-appellant. Biss l-appellant jikkonferma li hu baqa' sejjer u ma waqafx wara dan l-inċident. L-appellant kellu l-obbligu li jieqaf sabiex jara tal-inqas jekk kienx hemm ħsarat inkorsi, anki jekk kien tal-fehma li m'għamel l-ebda ħsara. Huwa kien obbligat li, skond il-bzonn, jagħti l-informazzjoni meħtieġa lill-parti l-oħra u/jew lill-awtoritajiet involuti. Il-Qorti tal-Maġistrati setgħet legalment u raġonevolment issib ħtija fil-konfront tal-

appellant fir-rigward tal-ħdax il-imputazzjoni u b'hekk il-ħames aggravju sejjer jiġi miċħud.

*Ikkunsidrat: -*

47.Illi fit-tielet aggravju, l-appellant jilmenta wkoll dwar s-sejbien ta' ħtija tat-tmien imputazzjoni, fejn hu nstab ħati talli naqas milli jagħti informazzjoni korretta għal dak li jirrigwarda dokument mibdul bi ksur tal–artikolu 19(1) tal-Kapitolu 258 tal-Liġijiet ta' Malta. Dan l-artikolu jinqara kif ġej:

> 19. (1) Meta għal xi raġuni xi waħda mill-partikolaritajiet jew xi tagħrif ieħor li jkun jinsab f'dokument tal-identità ma jkunx jew ma jibqax aktar korrett, id-detentur tad-dokument għandu, mingħajr dewmien, jirrapporta l-fatt lill-uffiċjal awtorizzat u għandu jikkonsenja d-dokument mhux korrett lil, u jagħti dak it-tagħrif kollu li jkun meħtieġ minn, dak l-uffiċjal.

48.Issa skond l-appellant hu ma kellux jinstab ħati ta' din l-imputazzjoni minħabba l-fatt illi jirriżulta illi għandu żewġ residenzi bl-indirizz fi Triq Niki Montebello, Qormi u Triq Marcel Attard Vaniolo, Qormi. Il-karta tal-identita' tiegħu tinstab reġistrata fuq l-indirizz 32, Tessma, Triq Niki Montebello, Qormi. L-appellant jargumenta li dawn l-indirizzi huma tiegħu, jużahom it-tnejn, u jekk hu juża indirizz anqas minn ieħor dment li l-indirizz ikun indikat fuq il-karta tal-identita, dan ma jfissirx li jkun hemm ksur tal-liġi in kwantu l-indirizz indikat kien għadu filfatt validu u allura ma kellux għalxiex jinstab ħati.

49.Mill-provi prodotti jirriżulta illi l-Pulizija li kienu provvisti bl-indirizz fuq il-karta tal-identita' tal-appellant kienu damu

josservaw din ir-residenza għal ħin twil qabel l-appellant ġie nnutat b'kumbinazzjoni jagħmel użu mill-garaxx ta' din l-istess residenza. Il-Pulizija li lkoll irilaxxaw affidavit f'dan is-sens, ikkonfermaw ukoll illi din ir-residenza kienet tidher li ma kien qed jgħix ħadd ġo fiha u dan mhux biss minħabba li ma kien fetħilhom ħadd kull meta marru iżda wkoll minħabba d-dehra mitluqa tar-residenza in kwistjoni. In oltre meta l-appellant ġie mistoqsi dwar dan matul l-istqarrija tiegħu, hu ma nnegax li 'jista jkun li noqgħod x'imkien ieħor', senjatament ir-residenza li tinstab fi triq Marcel Attard Vaniolo.

50. Fil-fehma tal-Qorti, l-karta tal-identita' trid tindika fuqha l-indirizz residenzjali effettiv u dan mingħajr ma jkun eskluż li wieħed jista' jkollu aktar minn residenza waħda b'indirizz validu. Huwa ċar mill-provi prodotti, mhux innegat mill-appellant ukoll, illi hu kien qiegħed effettivament jirrisjedi ġewwa fond differenti minn dak indikat fuq il-karta tal-identita' tiegħu. Ġie soddisfaċentement ippruvat ukoll li l-appellant naqas milli jinforma lill-awtoritajiet rispettivi dwar il-bdil fl-indirizz residenzjali effettiv tiegħu peress illi l-karta tal-identita' tiegħu baqgħet issejjaħ l-indirizz ġewwa Triq Nikol Montebello u mhux dik ġewwa Marcel Attard Vaniolo. Il-fatt li l-appellant kien għadu qed jagħmel użu mill-garaxx ta' din ir-residenza huwa inkonsegwenti in kwantu fl-aħħar mill-aħħar ħareġ ċar mill-provi prodotti li hu ma kienx qed jirresjedi aktar hemmhekk. Kwindi anki t-tielet aggravju sejjer jiġi respint.

***Ikkunsidrat: -***

51. Illi r-rimanenti aggravji, senjatament mis-sitt sal-ħdax il-aggravju ser jiġi ttrattati f'daqqa peress illi jikkonċernaw il-piena inflitta kif ukoll l-ordni tal-konfiska. Dawn l-aggravji jikkonċernaw fil-qosor:-

(i) l-applikazzjoni tal-artikolu 23(1) fejn il-Qorti ordnat il-konfiska tat-trakk bin-numru ABQ567 u dan peress illi l-appellant ġie illiberat mit-tieni imputazzjoni fejn allura din il-konfiska ma baqgħetx aktar tissusisti u dan indipendentement mis-sejbien ta' ħtija, dejjem jekk ikkonfermat tal-ewwel imputazzjoni;

(ii) Ukoll dwar il-konfiska u mingħajr preġudizzju għas-sitt aggravju, dan it-trakk inxtara mill-appellant b'*hire purchase*. Kwindi l-vettura ssir propjeta' assoluta tiegħu biss meta l-prezz kollu jitħallas, liema fatt għadu ma avverax ruħu. Kwindi l-vettura għadha tappartjeni lil Saviour Attard tal-Attrans Ltd u kwindi ma setgħatx tiġi konfiskata.

(iii) Il-piena kienet eċċessiva konsiderando n-natura kontravenzjonali tal-biċċa l-kbira tar-reati in kwistjoni u kwindi ma kienx ġust li jeħel piena eżaġerata biex l-għajta tal-pubbliku tiġi sodisfatta. Skond l-appellant, min isuq traskurat u jikkawża feriti gravi jew imwiet lanqas ma jeħel daqshekk.

(iv) Rigward l-iskwalifika tal-liċenzja tas-sewqan, il-minimu preskritt mill-liġi huwa ta' 8 ijiem. L-appellant juża t-trukk tiegħu biex jaħdem u jaqla l-ħobża ta' kuljum. Din hija raġuni biżżejjed sabiex hu jeħel l-inqas terminu iżda dan ġie skartat mill-Qorti tal-Maġistrati. In oltre hu kien diġa projbit milli jsuq kwalunkwe vettura bħala waħda mill-kundizzjonijiet tal-ħelsien mill-arrest liema fatt għandu l-istess effett tal-iskwalifika. Kwindi jekk it-terminu tal-iskwalifika ma jinbidilx hu jkun qed jeħilha doppjament.

(v) Rigward il-ħlas tal-ispejjez peritali, liema ħatra kienet opposta mill-istadju inizzjali mid-difiża, konsiderando li l-appellant ħareġ illiberat mir-reat li a bażi tiegħu dan ir-rapport sar, hu ma kellux jeħilhom ukoll.

(vi) Finalment rigward il-ħlas tal-ispejjez favur Alan Brincat, mingħajr preġudizzju għall-liberatorja, qatt ma kien hemm talba f'dan is-sens u lanqas ma ġie ċitat artikolu tal-liġi li jwassal għal din iċ-ċirkostanza. Kwindi l-Qorti tal-Maġistrati marret lil hinn mill-poteri tagħha meta ordnat dan il-ħlas u dan apparti l-fatt li r-riċevuta tal-ħsarat inkorsi mijjiex prova b'saħħitha biżżejjed.

52. Illi għal dak li jirrigwarda l-konfiska tal-vettura Astra bin-numru ta' reġistrazzjoni ABQ567, jibda biex jingħad illi l-Qorti tal-Maġistrati applikat il-konfiska mhux taħt id-dettami tal-artikolu 15(2) tal-Kap

65 tal-Liġijiet ta' Malta iżda bl-applikazzjoni tal-artikolu 23 tal-Kodiċi Kriminali fejn fl-akkuża miġjuba tirriżulta wkoll minn talba f'dan is-sens mill-prosekuzzjoni. Din id-disposizzjoni tgħid hekk:-

> 23. (1) Il-konfiska tal-corpus delicti, tal-istrumenti li servew jew li kien maħsub li jservu sabiex isir id-delitt, u ta' kull ma jkun ġie miksub bid-delitt, hija konsegwenza tal-piena stabbilita mil-liġi għad-delitt, ukoll jekk dik il-konfiska ma tkunx espressament imsemmija fil-liġi, barra minn meta persuna, li ma tkunx ħadet sehem fid-delitt, ikollha jedd fuq dawk l-oġġetti.
>
> (2) Fil-każ ta' kontravvenzjonijiet, din il-konfiska ssir fil-każijiet biss imsemmijin espressament fil-liġi.
>
> (3) Fil-każ ta' oġġetti li l-manifattura, użu, ġarr, tiżmim jew bejgħ tagħhom huwa reat, il-konfiska tagħhom tista' tkun ordnata mill-qorti għalkemm ma jkunx hemm kundanna u għalkemm dawk l-oġġetti ma jkunux tal-akkużat.

53. L-appellant ġie mixli kemm li kkometta reati ta' natura kontravenzjonali kif ukoll delitti. Jingħad ukoll illi l-artikolu 23 tal-Kodiċi Kriminali jista' jiġi applikat anki fil-każ ta' kontravenzjonijiet dment li jkun stipulat appożitament mill-liġi. Issa f'dan il-każ il-Qorti sejra tilqa' l-ewwel aggravju tal-appellant. Minbarra dan, fis-sentenza tal-Qorti Kriminali deċiża nhar id-9 ta' Diċembru 1949 mill-Imħallef Anthony J. Montanaro Gauci fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs. Guzeppi Vella et***, ġie deċiż li t-trakk li kien ġie konfiskat jiġi meħlus mill-effetti tal-konfiska fil-każ li kien jirriżulta li mart l-appellant kellha jedd ta' nofs indiviż fuqu. Fis-sentenza ta' din il-Qorti presjeduta mill-Imħallef Joseph Galea Debono nhar is-16 ta' Diċembru 2003 fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs. Raymond Caruana***, ġie deċiż li konfiska tista' ma sseħħx jekk jiġi pruvat li jkun għad hemm jedd ta' terz fuq l-oġġett konfiskand kif ukoll li dak it-terz ma jkunx għadu ħa sehem fid-delitt de quo. F'dan il-każ ġie pruvat fuq bażi

ta' probabbilita li t-trakk kien ġie akkwistat fuq bażi ta' hire purchase mingħand Attrans Commercials Limited rappreżentati minn Saviour Attard u fejn dan a fol 290 iddikjara bil-ġurament tiegħu li Mario Camilleri kien ħaslu parti mit-trakk iżda kien għadu mhux imħallas kollu u sostna li fin-nuqqas tal-ħlas kollu tal-bilanċ huwa kien għadu s-sid ta' "parti kbira minnu". Din il-Qorti ma tqisx li f'dan ix-xenarju kien *safe and satisfactory* li tiġi ordnata l-konfiska tat-trakk in kwistjoni.

54.Illi kwantu għall-quantum tal-piena, stante li l-ewwel aggravju sejjer jiġi milqugħ, sejjer ikun hemm reviżjoni fil-piena inflitta. F'dan il-każ ma rriżultawx sitwazzjoni ta' mwiet jew korrimenti ta' nies iżda semmai kien inċident wieħed fejn irriżultat ħsara f'vettura oħra. Jingħad ukoll illi l-biċċa l-kbira tal-imputazzjonijiet kontestati kienu prinċipalment jirrigwardjaw ksur ta' regolamenti ta' traffiku. L-appellant ikkonċeda wkoll ir-responsabbilta' tiegħu fil-kummissjoni ta xi uħud mill-imputazzjoni miġjuba kontra tiegħu.

55.In oltre minkejja li l-Qorti tal-Maġistrati m'applikatx l-addebitu tar-reċidiva, din il-Qorti innotat mill-fedina penali tal-appellant illi hu għandu diversi preċedenti simili fejn kien instab ħati tagħhom. Magħdud dan kollu pero l-aktar ħaġa li tikkonċerna din il-Qorti hija l-attitudni tal-appellant għall-kummissjoni ta' dawn ir-reati, inkluż dawk ammessi minnu. Huwa ċar mill-istqarrija rrilaxxata minnu illi hu ma tantx ħabbel moħħu meta ġie konfrontat mill-Pulizija dwar il-manjiera tas-sewqan tiegħu f'aktar minn okkazzjoni waħda. Anzi hu ipprova jiġġustifika l-komportament tiegħu billi jikkritika,

jekk mhux ukoll iwaqqa' għaż-żufjett il-fatt waħdu li l-Pulizija u l-gwardjani lokali waqfuħ u arrestawħ minħabba l-aġir irresponsabbli tiegħu. Jidher ċar illi hu ma tantx kien jinteressaħ mir-regolamenti ta' traffiku kif ukoll mis-sigurta tiegħu innifsu u potenzjalment ta' ħaddieħor ukoll kif wara kollox huwa evidenzjat mill-fedina penali tiegħu.

56. L-iskwalifika tal-liċenzja f'dan il-każ hija doveruża. Jibda' biex jingħad illi tmient ijiem huwa l-minimu terminu għall-iskwalifika preskrivibbli fil-konfront tal-appellant. Mhux pero stabbilit terminu massimu mill-Liġi. It-terminu ta' sentejn skwalifika kif imposta mill-Qorti tal-Maġistrati ser tiġi ikkonfermata minn din il-Qorti.

57. Illi għal dak li jirrigwarda l-aggravju konċernanti l-ħlas tal-ispejjeż peritali dan huwa regolat skond id-dettami tal-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali, li jinqara kif ġej:

> **533.** (1) Meta l-kawża ssir mill-Pulizija ex officio, il-qorti għandha meta tagħti s-sentenza jew f'kull ordni ieħor wara, tikkundanna l-ħati jew il-ħatjin, ilkoll flimkien in solidum jew kull wieħed għalih, għall-ħlas, lir-reġistratur, tal-ispejjeż kollha jew ta' parti mill-ispejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri, inklużi dawk tal-esperti li jkunu ġew maħtura fl-istadju tal-proċess verbal tal-inkjesta, f'dak iż-żmien u f'dak l-ammont bħal ma jkun ġie stabbilit fis-sentenza jew fl-ordni.

58. F'dan il-każ il-Qorti tal-Maġistrati ħasset il-ħtieġa li jitqabbad espert tekniku sabiex jgħinha fl-evalwazzjoni tal-każ. Huwa ġie maħtur, espleta l-inkarigu tiegħu u l-Qorti għamlet l-analiżi u d-deliberazzjoni tagħha. Mhux relevanti jekk il-Qorti tal-Maġistrati tiddeċidiex toqgħod jew le fuq il-konklużjonijiet peritali jew jekk il-

kwalita' tax-xogħol magħmul ma jkunx dan mistenni. L-appellant tressaq taħt arrest u kien prosegwibbli *ex officio* allavolja l-każ in kwisjtoni inbeda wara li saru xi lmenti fuq il-mezzi tal-medja soċjali. Il-Qorti użat is-servizzi tal-espert tekniku u użat ir-relazzjoni tiegħu fil-qadi ta' dmirha biex wassalha għall-ġudizzju tagħha. Il-ħatra kienet sabiex Mario Buttigieg jagħmel il-verifiki dwar il-filmati esebiti mill-Pulizija a fol "DOK UP 2" biex jikkonferma l-identita tal-vettura. In-natura tal-ħatra ma kienetx marbuta esklussivament ma xi imputazzjoni partikolari. Kwindi jidher illi l-Qorti hija tenuta li tordna dawn l-ispejjez u dan salv għat-talba uffiċjali li saret għalihom mill-Prosekuzzjoni tramite l-akkużi redatti. Konsegwentement anki dan l-aggravju qed jiġi miċħud.

59.Finalment jifdal biss l-aħħar aggravju konċernanti l-ordni li għamlet il-Qorti tal-Maġistrati sabiex l-appellant iħallas l-ispejjez inkorsi minn Alan Brincat minħabba l-inċident stradali li kien involut fiħ fejn ġew ikkaġunati xi ħsarat fuq il-vettura misjuqa minn Brincat. Hawnhekk tajjeb li ssir referenza għad-diċitura tal-artikolu 532A tal-Kodiċi Kriminali li jinqara kif ġej:

> **532A.** Id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 24 tal-Att dwar il-Probation għar-rigward tas-setgħa li għandha l-qorti li tordna lill-ħati jħallas id-danni għandhom ukoll mutatis mutandis japplikaw kull meta jiġri li persuna tingħata sentenza wara li tkun instabet ħatja ta' delitt.

60.Għal kull buoni fini l-artikolu 24 tal-Kapitolu 446 jinqara kif ġej:

> **24.** (1) Meta Qorti tagħmel ordni ta' probation, ordni ta' servizz fil-komunità, ordni ta' probation u servizz, ordni għal liberazzjoni kondizzjonata jew meta tillibera lil xi ħati għal kollox tista', mingħajr preġudizzju għall-poter li għandha dwar l-ispejjeż taħt l-artikoli 380 u 533 tal-Kodiċi Kriminali, tordna lill-ħati jħallas dawk id-danni għal xi feriment

jew b'kumpens għal xi telfien hekk kif il-qorti jkun jidhrilha li jkun l-aktar raġonevoli.

(2) Meta toħroġ ordni taħt is-subartikolu (1), il-Qorti tista' tordna li tali spejjeż jew danni jitħallsu bin-nifs, partikolarment, billi tikkunsidra kull obbligu li l-ħati għandu lejn il-vittma jew xi dipendenti tal-vittma.

(3) Ordni għall-ħlas ta' danni jew kumpens kif hawn qabel imsemmi tista' tiġi infurzata bl-istess mod bħallikieku din kienet ingħatat f'azzjoni ċivili bejn il-ħati u l-persuna lil min id-danni jew il-kumpens jiġu ordnati li għandhom jitħallsu:

Iżda ebda naħa f'dan l-artikolu m'għandha tidderoga mid-dritt ta' dik il-persuna li tkopri kull ammont ieħor li jifdal b'xi mezz ieħor mingħand il-ħati jew mingħand xi persuna oħra li tista' tkun responsabbli għall-istess ħlas.

61.Kemm mid-diċitura tal-artikolu 24 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta kif ukoll mid-diċitura tal-artikolu 532A tal-Kodiċi Kriminali, huwa evidenti illi l-ordni għall-ħlas tal-ispejjeż lill-vittma hija diskrezzjonarja u f'idejn il-Qorti fejn effettivament lanqas hemm il-ħtieġa illi ssir talba *ad hoc* mill-vittma jew mill-prosekuzzjoni għaliha. Il-Qorti tal-Maġistrati kellha setgħet timponi dan il-ħlas. Brincat xehed bil-ġurament tiegħu li hu effettivament ħallas skont l-istima eżebita a fol 80 biex jagħmel it-tiswijiet relattivi. B'hekk anki dan l-aggravju qed jiġi miċħud.

# *Deċide*

Għal dawn il-motivi din il-Qorti, tilqa l-appell ta' Marius CAMILLERI in parte, u tirriforma s-sentenza appellata billi : -

1. Tikkonfermaha f'dik il-parti fejn sabitu mhux ħati tat-tieni, il-ħames, id-disa', it-tlettax, l-erbatax u l-ħmistax il-imputazzjoni u b'hekk fejn illiberatu minn kull ħtija u piena dwarhom;

2. Tikkonfermaha fejn sabitu ħati tat-tielet, ir-raba', is-sitt, is-seba', it-tminn, l-għaxar, il-ħdax u t-tnax il-imputazzjoni;

3. Tikkonfermaha fejn ordnat lill-appellant iħallas l-ispejjeż peritali;

4. Tikkonfermaha fejn ordnat l-iskwalifika tal-appellant milli jkollu jew jikseb liċenza tas-sewqan għal perjodu ta' erba' u għoxrin xahar;

**Filwaqt li** :

5. Tħassarha f'dik il-parti fejn sabet lill-imputat ħati tal-ewwel imputazzjoni u b'hekk issib lill-appellant mhux ħati tal-ewwel imputazzjoni u tilliberah minn kull ħtija u piena dwarha;

6. Tħassarha f'dik il-parti fejn ikkundannatu għall-perjodu ta' tmintax il-xahar priġunerija;

7. Tħassarha f'dik il-parti fejn ordnat il-konfiska tal-vettura bin-numru tar-reġistrazzjoni ABQ 567 ai termini tal-artikolu 23 tal-Kodiċi Kriminali;

**u Minflok:**

8. Ukoll wara li qieset il-Liġi kif kienet qabel ma żdiedu l-pieni bis-saħħa tal-Att XIV tal-2017 u tikkundannah għal piena komplessiva ta' ħames xhur priġunerija flimkien ma multa ta' tliet mitt euro (€300).

9. U tikkonferma s-sentenza appellata safejn mhux mibdula b'din is-sentenza.

10. It-terminu ta' skwalifika ta' sentejn impost mill-ewwel Qorti jkun dekkoribbli mid-data ta' din is-sentenza.

***Aaron M. Bugeja***
***Imħallef***